mhux-komputerizzati, aktar minn referenza waħda trid tkun inkluża, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-kelma "varji" tkun miktuba f'din il-kaxxa i lista tar-referenzi ikkonċernati takkumpanja d-dikjarazzjoni tat-transitu.

Kaxxa 41: Unitajiet supplementarji

Meta meħtieġ, ikteb il-kwantità tal-punt f'dan il-każ, espressa fl-unità stabbilita fin-nomeniklatura ta' l-oġġetti.

Kaxxa 44: Informazzjoni addizzjonali/Dokumenti prodotti/Ċertifikati u awtorizzazzjonijiet

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb id-dettalji meħtieġa b'xi regoli speċifiċi applikabli, flimkien mar-referenza tad-dettalji tad-dokumenti prodotti bħala appoġġ għad-dikjarazzjoni, inkluži n-numri serjali ta' xi kopji T5 ta' kontroll.

Is-sud-diviżjoni "kodiċi A.I." (Kodiċi ta' Informazzjoni Addizzjonali) m'għandhiex tkun użata.

Meta dikjarazzjoni ta' l-esporetazzjoni mill-ġdid li tirrilaxxa l-proċedura doganali tkun ippreżentata ma l-uffiċċju doganali apparti milli l-uffiċċju tas-superviżjoni, ikteb l-isem u l-indirizz sħiħ ta' l-uffiċċju tas-superviżjoni.

Dikjarazzjonijiet magħmula fi Stat Membru li, matul il-perjodu tat-transizzjoni għall-introduzzjoni tal-euro, agħti l-opportunità lill-operaturi li jagħżlu għall-użu ta' l-unità tal-euro għall-istabbeliment tad-dikjarazzjoni doganali tagħhom, għandhom jinkludu f'din il-kaxxa, preferibilment fis-sud-diviżjoni fil-qiegħ tal-kantuniera tan-naħa tal-lemin, indikatur ta' l-unità tal-munita, l-unità nazzjonali jew l-unità euro, kif użata.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dan l-indikatur ikun miktub biss fil-kaxxa 44 għall-ewwel lott ta' oġġetti tad-dikjarazzjoni. F'dan il-każ, l-informazzjoni għandha tkun meqjusa bħala valida għal-lottijiet ta' l-oġġetti kollha fid-dikjarazzjoni.

Dan l-indikatur għandu jkun magħmul mill-kodiċi tal-munita iso-alpha-3 (ISO 4217).

Kaxxa 46: Valur ta' l-istatistika

Ikteb il-valur ta' l-istatistika kif espress fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita ta' l-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet ta' l-esportazzjoni jkunu mwettqa, b'konformità mad-disposizzjonijiet tal-Komunità li jkunu fis-seħħ.

Kaxxa 47: Il-kalkolu tat-taxxi

Ikteb il-bażi tat-taxxa kif applikabbli (valur, piż jew oħrajn). Uża, meta meħtieġ, il-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, dawn li ġejjin għandhom ikunu murija fuq kull linja:

— it-tip tat-taxxa (e.g. dazji tas-sisa),

— il-bażi tat-taxxa,

— ir-rata tat-taxxa applikabbli,

— l-ammont tat-taxxa pagabbli,

— il-metodu tal-pagament kif magħżul (MP).

L-ammonti f'din il-kaxxa għandhom ikunu espressi fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita ta' l-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet ta' l-esportazzjoni jkunu mwettqa.

Kaxxa 48: Pagament imdewwem

Ikteb, meta applikabli, id-dettalji tar-referenza ta' l-awtorizzazzjoni f'dak il-każ; pagament imdewwem hawnhekk jirreferi għall-pagament imdewwem tad-dazji doganli u tat-taxxa tal-kreditu.

Kaxxa 49: L-identifikazzjoni tal-maħżen

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb id-dettalji tar-referenza tal-maħżen.

Kaxxa 50: Padrun

Ikteb l-isem sħiħ (persuna jew kumpanija) u l-indirizz tal-padrun (superjur), flimkien man-numru ta' l-identifikazzjoni, jekk ikun hemm, allokat mill-awto-

▼B

ritajiet kompetenti. Meta xieraq, ikteb l-isem sħiħ (persuna jew kumpanija) tar-rappreżentant awtorizzat li jiffirma f'isem il-padrun.

Bla ħsara tad-disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom ikunu adottat fir-rigward ta' l-użu tas-sistemi komputerizzati, l-oriġinal tal-firma miktuba bl-idejn tal-persuna ikkonċernata għandha tkun mogħtija fuq il-kopja li għandha tibqa fl-uffiċċju tat-tluq. Meta l-padrun ikun persuna legali, il-firmatarju għandu jżid il-posizzjoni tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

Għall-operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni, id-dikjarant jew ir-rappreżentant tiegħu jista' jikteb l-isem u l-indirizz ta' persuna stabbilita fid-distrett ta' l-uffiċċju tal-ħruġ li lilu l-kopja 3 tad-dikjarazzjoni ikkonfermata mill-imsemmi uffiċċju għandha tkun mogħtija.

Kaxxa 51: Intiża għall-uffiċċji tat-transitu (u tal-pajjiż)

Ikteb il-kodiċi ta' l-uffiċċju ntiż tad-dħul għal kull pajjiż EFTA li għandu jkun traversat u ta' l-uffiċċju tad-dħul li permezz tiegħu l-oġġetti jidħlu mill-ġdid fit-territorju doganali tal-Komunità wara li jkunu traversaw it-territorju ta' pajjiż EFTA, jew, meta l-konsennja jkollha titraversa territorju apparti minn dak tal-Komunità jew ta' pajjiż EFTA, l-uffiċċju tal-ħruġ li permezz tiegħu it-trasport iħalli l-Komunità u l-uffiċċju tad-dħul li permezz tiegħu jerġa jidħol fil-Komunità.

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb l-uffiċċji doganali ikkonċernati.

Kaxxa 52: Garanzija

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb it-tip ta' garanzija jew it-tip tat-twarrib tal-garanzija għall-operazzjoni kif ukoll, skond kif xieraq, in-numru tal-ċertifikat tal-garanzija komprensiva, iċ-ċertifikat tat-twarrib tal-garanzija, jew il-fattura tal-garanzija individwali u l-uffiċċju tal-garanzija.

Meta garanzija komprensiva, twarrib tal-garanzija jew garanzija individwali ma tkunx valida għall-pajjiżi kollha tal-EFTA, żid wara mhux valida l-kodiċi mill-Anness 38 għall-pajjiż EFTA jew il-pajjiżi ikkonċernati.

Kaxxa 53: L-uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikten l-uffiċċju ta' fejn l-oġġetti għandhom ikunu ippreżentati sabiex tkun imwettqa l-oprazzjoni tat-transitu tal-Komunità.

Kaxxa 54: Il-post u d-data, il-firma u l-isem tad-dikjarant jew tar-rappreżentant tiegħu

Ikteb il-post u d-data tat-twettieq tad-dikjarazzjoni.

Bla ħsara tad-disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom ikunu adottat fir-rigward ta' l-użu tas-sistemi komputerizzati, l-oriġinal tal-firma miktuba bl-idejn tal-persuna ikkonċernata għandha tkun mogħtija fuq il-kopja li għandha tibqa fl-uffiċċju ta' l-esportazzjoni/dispaċċ, segweita fl-isem sħiħ ta' dik il-persuna. Meta dik il-persuna tkun persuna legali, il-firmatarju għandu jżid il-posizzjoni tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

B. FORMALITAJIET EN ROUTE

Bejn iż-żmien ta' meta l-oġġetti jħallu l-uffiċċju ta' l-esportazzjoni u/jew tat-tluq, u ż-żmien ta' meta dawn jaslu fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, ċerti dettalji għandhom mnejn jeħtieġ li jkunu miżjuda fuq il-kopji tal-Dokument Amministrattiv Singolu li jakkompanja l-oġġetti. Dawn id-dettalji jikonċernaw l-operazzjoni tat-trasport u għandhom ikunu miktuba fuq id-dokument fil-korsa ta' l-operazzjoni mit-trasportatur responsabli għall-mezz tat-trasport li fuq l-oġġetti jkunu direttament ġew mgħobija. Id-dettalji jistgħu jkunu miżjuda b'kitba li tinqara sewwa; f'dan il-każ, il-formula għandha tkun mimlija bil-linka u b'ittri kbar.

Dawn id-dettalji, li jidħru biss fuq il-kopji 4 u 5, jikonċernaw dawn il-kaxxi li ġejjin:

— Trasbord: Uża l-kaxxa 55.

Kaxxa 55: Trasbordi

L-ewwel tlett linji ta' din il-kaxxa għandhom ikunu mimlija mit-trasportatur meta, matul l-operazzjoni f'dak il-każ, l-oġġetti huma trasbordati minn mez wieħed tat-trasport lejn mezz ieħor jew minn kontenitur lejn ieħor.

▼B

It-trasportatur ma jistgħax iwettaq tasbord ta' l-oġġetti mingħajr awtorizzazzjoni bil-quddiem minn għand l-awtoritajiet doganali ta' l-istat Membru li fit-territoirju tiegħu it-trasbord għandu jseħħ.

Meta dawk l-awtoritajiet jikkonsidraw li l-operazzjoni tat-transitu ma tistax tissokkta bil-mod normali, huma għandhom, la darba jkunu ħadu kwalunkwe pasi skond ma jista' jkun meħtieġ, billi jikkonfermaw il-kopji 4 u 5 tad-dikjarazzjoni tat-transitu.

— inċidenti oħrajn: Uża l-kaxxa 56.

Kaxxa 56: Inċidenti oħrajn matul it-trasport

Il-kaxxa għandha tkun mimlija b'konformità ma l-obbligi eżistenti permezz tal-proċedura tat-transitu tal-Komunità.

B'żieda ma dan, meta l-oġġetti kienu mgħobija fuq nofs-karru u biss il-vettura żiemel tkun mibdula matul il-vjaġġ (mingħajr ma l-oġġetti jkun mqandla jew trasbordati) ikteb fil-kaxxa n-numru tar-reġistrazzjoni tat-trattur il-ġdid. F'tali każi, il-konferma minn għand l-awtoritajiet kompetenti ma tkun meħtieġa.

C. FORMALITAJIET GĦAR-RILAXX LEJN ĊIRKOLAZZJONI ĦIELSA, PROĊESSAR 'IL ĠEWWA, IMPORTAZZJONI TEMPORANJA, PROĊESSAR TAĦT KONTROL DOGANALI, MAGAŻINAĠĠ DOGANALI U D-DĦUL TA' L-OĠĠETTI F'ŻONI ĦIELSA LI HUMA SUĠĠETTI GĦALL-KONTROLLI TAT-TIP II

Kaxxa 1: Dikjarazzjoni

Fl-ewwel sud-diviżjoni, ikteb il-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38.

Fit-tieni sud-diviżjoni, ikteb it-tip tad-dikjarazzjoni bl-użu tal-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38.

Kaxxa 2: Konsenjat/Esportatur

Ikteb l-isem u l-indirizz sħiħ ta' l-aħħar bejjiegħ ta' l-oġġetti qabel l-importazzjoni tagħhom ġewwa l-Komunità.

Meta numru ta' l-identifikazzjoni jkun meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu iwarrbu d-disposizzjoni ta' l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna ikkonċernata.

L-istruttura ta' xi numru ta' l-identifikazzjoni għandha tkun konformi mal-kriterja stabbilita fl-Anness 38.

Fil-każ ta' konsenji bi gruppaġġ, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kelma "varji" tkun miktuba f'din il-kaxxa, u l-lista ta' konsennatarji/esportaturi tkun mhemuża mad-dikjarazzjoni.

Kaxxa 3: Formoli

Ikteb in-numru tas-sub-sett b'selazzjoni man-numru totali ta' sub-settijiet ta' formoli u l-formolu tal-kontinwazzjoni skond kif użati. Per eżempju, jekk ikun ikun kemm formola IM waħda u żewġ formoli IM/c, ikteb 1/3 fil-formola IM, 2/3 fuq l-ewwel formola IM/c u 3/3 fuq it-tieni formola IM/c.

Kaxxa 4: Listi tat-tagħbija

Ikteb b'figuri n-numru ta' xi listi tat-tagħbija li jkunu mhemuża, jew ta' listi deskrittivi kummerċjali meta dawn huma awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

Kaxxa 5: Punti

Ikteb b'figuri n-numru totali ta' punti, iddikjarati mill-persuna ikkonċernata, fuq il-formoli kollha u l-formoli tal-kontinwazzjoni (jew listi tat-tagħbija jew listi kummerċjali) kif użati. In-numru tal-punti għandu jkun korresspondenti man-numri fil-kaxxi 31 li għandhom ikunu mimlija.

Kaxxa 6: Pakketti totali

Ikteb f'figuri n-numru totali ta' pakketti li jiffurmaw il-konsenja f'dan il-każ.

Kaxxa 7: Numru ta' referenza

Din il-kitba tikkonċerna n-numru tar-referenza kummerċjali assenjata mill-persuna ikkonċernata għall-komsennja f'dan il-każ. Jista' jkollha l-għamla ta' Numru Uniku ta' Referenza għall-Konsennja (UCR/URK) ([1]).

([1]) Rakkomandazzjoni tal-kunsill tal-koperattivi tad-Dwana dwar l-uniku numru ta' riferenza (UCR) għoll-affarjiet tad-Dwana (30 ta' Grunju 2001).

▼B

Kaxxa 8: Konsenjant

Ikteb in-numru ta' l-identifikazzjoni kif assenjat mill-awtoritajiet kompetenti lill-persuna ikkonċernata għal skopijiet fiskali, statistiċi jew skopijiet oħrajn. L-istruttura ta' dan in-numru għandha tkun konformi mal-kriterja stabbilita fl-Anness 38. Meta l-parti interessata ma jkollhiex tali numru, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalha wieħed għad-dikjarazzjoni ikkonċernata.

Ikteb l-isem u l-indirizz sħaħ tal-persuna ikkonċernata.

Fil-każ tat-tqegħid ta' l-oġġetti taħt proċedura ta' magażinaġġ doganali f'maħżen privat (tip C, D jew E), ikteb l-isem u l-indirizz sħaħ tad-depożitatur meta dan ma jkunx id-dikjarant.

Fil-każ ta' konsenji bi gruppaġġ, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kelma "varji" tkun miktuba f'din il-kaxxa, u l-lista ta' konsennatarji tkun mhemuża mad-dikjarazzjoni.

Kaxxa 12: Dettalji tal-valuri

Ikteb f'din il-kaxxa l-informazzjoni dwar il-valur, e.g. referenza għall-awtorizzazzjoni li biha l-awtoritajiet doganali jwarrbu l-ħtieġa li tkun prodotta formola DVI bħala appoġġ ta' kull dikjarazzjoni jew ta' dettalji jew ta' aġġustamenti.

Kaxxa 14: Dikjarant/Rappreżentant

Ikteb in-numru ta' l-identifikazzjoni kif assenjat lill-persuna ikkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti għal skopijiet ta' taxxa, statistiċi jew skopijiet oħrajn. L-istruttura ta' dan in-numru għandha tkun konformi mal-kriterja stabbilita fl-Anness 38. Meta l-parti interessata ma jkollhiex tali numru, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjala wieħed għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Ikteb l-isem u l-indirizz sħaħ tal-persuna kkonċernata.

Jekk id-dikjarant u l-konsenjat huma l-istess persuna, ikteb il-kelma "konsenjant".

Sabiex ikun identifikat id-dikjarant jew l-istatus tar-rappreżentant, uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38.

Kaxxa 15: Il-pajjiż tal-konsennja/esportazzjoni

Jekk l-ebda waqfien jew azzjonijiet ġudizjarja li ma tkunx relatata mat-trasport ma tkun seħħet f'pajjiż intermedju, ikteb fil-kaxxa 15a il-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38 għal dak il-pajjiż li minnu l-oġġetti kienu inizjalment mibgħuta lejn l-Istat Membru ta' l-importazzjoni. Jekk tali waqfien jew azzjonijiet jkunu seħħew, l-aħħar pajjiż intermedju għandu jkun meqjus bħala l-pajjiż tad-dispaċċ/esportazzjoni.

Kaxxa 17: Il-Pajjiż tad-destinazzjoni

Ikteb fil-kaxxa 17a il-kodiċi tal-Komunità relevanli mill-Anness 38 għall-Istat Membru tad-destinazzjoni finali ta' l-oġġetti, kif magħruf fil-waqt ta' l-importazzjoni.

Ikteb fil-kaxxa 17b ir-reġjun tad-destinazzjoni ta' l-oġġetti.

Kaxxa 18: L-identità jew in-nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport mal-wassla

Ikteb l-identitĊ tal-mezzi tat-trasport li fuqu l-oġġetti huma direttament mgħobbija fil-waqt tal-preżentazzjoni fl-uffiċċju doganali ta' fejn il-formalitajiet doganali huma mwettqa. Jekk tractor jew karru b'numri ta' reġistrazzjoni differenti jkun użat, ikteb in-numri tar-reġistrazzjoni kemm tat-tractor u wkoll tal-karru.

Jiddependi mill-mezzi tat-trasport ikkonċernat, dawn id-dettalji li ġejjin jikkonċernaw l-identità li tista' tkun miktiba:

Mezzi tat-trasport	Metodu ta' l-identifikazzjoni
Trasport bil-baħar jew fuq kanali nterni	Isem il-vapur
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (meta ma jkun hemm l-ebda numru tat-titjira, ikteb in-numru tar-reġistrazzjoni ta' l-ajruplan)
Trasport bit-triq	In-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura

▼B

Mezzi tat-trasport	Metodu ta' l-identifikazzjoni
Trasport bil-ferrovija	In-numru tal-vagun

Kaxxa 19: Kontenitur (Ctr)

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb is-sitwazzjoni waqt il-qasma tal-fruntiera esterna tal-Komunità.

Kaxxa 20: Termini tal-konsennja

Uża l-kodiċi relevanti u l-intestaturi tal-Komunità mill-Anness 38, agħti l-partikolarijiet tat-termini tal-kuntratt kummerċjali.

Kaxxa 21: L-identità jew in-nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport fil-qsim tal-fruntiera

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb in-nazzjonalità tal-mezzi attivi tat-trasport waqt il-qasma tal-fruntiera esterna tal-Komunità.

Fil-każ ta' trasport bejn numru ta' moduli jew jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport, il-mezz attiv ta' trasport għandu jkun dak li jipprovdi l-irmonk għall-grupp kollu. Per eżempju, fil-każ ta' trakk fuq vapur li jbaħħar fuq l-ibħra, il-mezz attiv tat-trasport huwa l-vapur. Fil-każ ta' tractor u karru, il-mezz attiv tat-trasport huwa t-tractor.

Kaxxa 22: Il-munita u l-ammont totali tal-fattura

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikten fl-ewwel sud-diviżjoni l-munita li fiha l-fattura kummerċjali tkun imħejjija.

Ikteb fit-tieni sud-diviżjoni l-prezz tal-fattura għall-oġġetti kollha iddikjarati.

Kaxxa 23: Rata tal-kambju

Din il-kaxxa fiha r-rata tal-kambju fis-seħħ bejn il-munita tal-fattura u l-munita ta' l-istat Membru ikkonċernat.

Kaxxa 24: Natura tat-transazzjoni

Uża l-kodiċi relevanti u l-intestaturi tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb it-tip tat-transazzjoni ikkonċernata.

Kaxxa 25: Modula tat-trasport fil-fruntiera

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb il-modula tat-trasport li tikkorrespondi għall-mezzi attivi tat-trasport li jkun mistinni li għandu jkun użat fid-dħul fit-territorju doganali tal-Komunità.

Kaxxa 26: Modula tat-trasport intern

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb il-modula tat-trasport mal-wassla.

Kaxxa 29: Uffiċċju tad-dħul

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb l-uffiċċju doganali li permezz tiegħu huwa ntiż li l-oġġetti għandhom jidħlu fit-territorju doganali tal-Komunità.

Kaxxa 30: Lokalità ta' l-oġġetti

Ikteb il-lokalità preċiża ta' fejn l-oġġetti jistgħu jkunu eżaminati.

Kaxxa 31: Pakketti u deskrizzjoni ta' l-oġġetti; Marki u numri – Nru(i) tal-kontenitur(i) – Numru u tip:

Ikteb il-marki, in-numri, il-kwantità u t-tip ta' pakketti jew, fil-każ ta' oġġetti mhux ippakkjati, ikteb in-numru ta' tali oġġetti koperti bid-dikjarazzjoni, flimkien mad-dettalji meħtieġa għall-identifikazzjoni tagħhom. Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Apparti milli għal oġġetti mhux-tal-Komunità li jkunu mqiegħda taħt proċedura ta' magażinaġġ doganali f'maħżen tat-tip A, B, C, E jew F, din id-deskrizzjoni għandha tkun espresa f'termini suffiċjentament preċiżi sabiex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u l-klasifikazzjoni immedjata u mingħajr ambigwità. Din il-kaxxa għandha tinkludi d-dettalji meħtieġa minn xi regoli speċifiċi (e.g. VAT, dazju tas-sisa). Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb it-tip ta' pakketti.

Jek ikunu użati kontenituri, il-marki ta' l-identifikazzjoni tagħhom għandhom ukoll ikunu miktuba f'din il-kaxxa.

▼B

Kaxxa 32: Numru tal-punt

Ikteb in-numru tal-punt f'dan il-każ b'relazzjoni man-numru totali ta' punti iddikjarati fil-formoli jew fil-formoli supplementarji skond kif użati, kif deskritt fin-nota tal-kaxxa 5.

Kaxxa 33: Kodiċi tal-Kommodità

Ikteb in-numru tal-kodiċi li jikkorrespondi mal-punt f'dan il-każ, kif deskritt fl-Anness 38. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal dħul, ta' nomeniklatura speċifika li tikkonċerna d-dazju tas-sisa, fil-ħames sud-diviżjoni.

Kaxxa 34: Kodiċi tal-Pajjiż ta' l-oriġini

Ikteb fil-kaxxa 34a il-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 39 għall-pajjiż ta' l-oriġini, kif definit fit-Titolu II tal-Kodiċi.

Kaxxa 35: Il-massa grossa (kg)

Ikteb il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, ta' l-oġġetti deskritti fil-kaxxa 31 relevanti. Il-masda grossa hija l-eggregazzjoni tal-massa ta' l-oġġetti kompluti fl-ippakkjar tagħhom, eskluži l-kontenitutri u t-tgħamir l-ieħor tat-trasport.

Meta dikjarazzjoni tkopri diversi tipi ta' oġġetti, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, għal dawk il-proċeduri referuti taħt il-kolonni H sa K fit-tabella fit-Titolu I, B, il-masa grosa totali tkun biss miktuba fl-ewwel kaxxa 35, il-kumplament tal-kaxxi 35 jitħallew vojta.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'din il-manjera li ġejja:

— minn 0.001 sa 0.499: imqarrba 'l isfel lejn l-eqreb kg,

— minn 0.5 sa 0.999: imqarrba 'l fuq lejn l-eqreb kg.

— massa grossa ta' anqas minn 1 kg għandha tkun miktuba bħala 0.xyz (e.g. 0.654 għal pakkett ta' 654 grammi).

Kaxxa 36: Preferenza

Din il-kaxxa fiha l-informazzjoni dwar it-tariffa tat-trattament ta' l-oġġetti. Meta l-użu tagħha jkun hemm provvediment dwaru fil-matriċi tat-Titolu I, is-sezzjoni B, dan għandu jkun użat anki meta l-ebda tariffa ta' trattament preferenzali ma tkun mitluba. B'dana kollu, din il-kaxxa m'għandhiex tkun użata fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-partijiet tat-territorju doganali tal-Komunità li fihom id-Direttiva 77/388/KEE hija applikabli u fil-partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawn id-disposizzjonijiet ma humiex applikabli, jew fil-kuntest ta' kummerċ bejn il-partijiet ta' dak it-territorju meta dawk id-disposizzjonijiet ma jkunux applikabbli. Ikteb il-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika matul intervalli regolari fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea l-lista tal-ġemgħat tal-kodiċi użabbli flimkien b'eżempji u noti ta' spjegazzjoni.

Kaxxa 37: Proċedura

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb il-proċedura li għaliha l-oġġetti huma iddikjarati.

Kaxxa 38: Massa netta (kg)

Ikteb il-massa netta, espressa f'kilogrammi, ta' l-oġġetti deskritti fil-kaxxa 31 relevanti. Il-massa netta hija l-massa ta' l-oġġett mingħajr kwalunkwe ippakkjar.

Kaxxa 39: Kwota

Ikteb in-numru sekwenzjali tal-kwota ta' tariffa li dwarha d-dikjarant ikun japplika.

Kaxxa 40: Dikjarazzjoni sommarja/Dokument preċedenti

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb id-dettalji ta' referenza ta' xi dikjarazzjoni sommarja użata fl-Istat Membru ta' l-importazzjoni jew ta' xi dokumenti preċedenti.

Kaxxa 41: Unitajiet supplementarji

Meta meħtieġ, ikteb il-kwantità tal-punt f'dan il-każ, espressa fl-unità stabbilita fin-nomeniklatura ta' l-oġġetti.

▼B

Kaxxa 42: Il-prezz tal-punt

Ikteb il-prezz tal-punt f'dak il-każ.

Kaxxa 43: Metodu tal-valutazzjoni

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb il-metodu użat għall-valutazzjoni.

Kaxxa 44: Informazzjoni addizzjonali/Dokumenti prodotti/Ċertifikati u awtorizzazzjonijiet

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb id-dettalji meħtieġa b'xi regoli speċifiċi applikabli, flimkien mar-referenza tad-dettalji tad-dokumenti prodotti bħala appoġġ għad-dikjarazzjoni, inkluži n-numri serjali ta' xi kopji T5 ta' kontroll.

Is-sud-diviżjoni "kodiċi A.I." m'għandhiex tkun użata.

Meta dikjarazzjoni li ddaħħal l-oġġetti għall-proċedura doganali tkun ippreżentata ma l-uffiċċju doganali apparti milli l-uffiċċju tas-superviżjoni, ikteb l-isem u l-indirizz sħiħ ta' l-uffiċċju tas-superviżjoni.

Dikjarazzjonijiet magħmula fi Stat Membru li, matul il-perjodu tat-transizzjoni għall-introduzzjoni tal-euro, agħti l-opportunità lill-operaturi li jagħżlu għall-użu ta' l-unità tal-euro għall-istabbeliment tad-dikjarazzjoni doganali tagħhom, għandhom jinkludu f'din il-kaxxa, preferibilment fis-sud-diviżjoni fil-qiegħ tal-kantuniera tan-naħa tal-lemin, indikatur ta' l-unità tal-munita, l-unità nazzjonali jew l-unità euro, kif użata.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dan l-indikatur ikun miktub biss fil-kaxxa 44 għall-ewwel lott ta' oġġetti tad-dikjarazzjoni. F'dan il-każ, l-informazzjoni għandha tkun meqjusa bħala valida għal-lottijiet ta' l-oġġetti kollha fid-dikjarazzjoni.

Dan l-indikatur għandu jkun magħmul mill-kodiċi tal-munita iso-alpha-3 (ISO 4217).

Kaxxa 45: Aġġustament

Din il-kaxxa fiha informazzjoni dwar xi aġġustamenti meta l-ebda formola DVI ma tkun prodotta bħala appoġġ tad-dikjarazzjoni. Xi ammonti li għandhom ikunu miktuba f'din il-kaxxa għandhom ikunu espressi fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita ta' l-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet ta' l-importazzjoni jkunu mwettqa.

Kaxxa 46: Valur ta' l-istatistika

Ikteb il-valur ta' l-istatistika kif espress fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita ta' l-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet ta' l-importazzjoni jkunu mwettqa, b'konformità mad-disposizzjonijiet tal-Komunità li jkunu fis-seħħ f'dak il-waqt.

Kaxxa 47: Il-kalkolu tat-taxxi

Ikteb il-bażi tat-taxxa kif applikabbli (valur, piż jew oħrajn). Uża, meta meħtieġ, il-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, dawn li ġejjin għandhom ikunu murija fuq kull linja:

— it-tip tat-taxxa (e.g. dazji ta' l-importazzjoni, VAT),

— il-bażi tat-taxxa,

— ir-rata tat-taxxa applikabbli,

— l-ammont tat-taxxa pagabbli,

— il-metodu tal-pagament kif magħżul (MP).

L-ammonti f'din il-kaxxa għandhom ikunu espressi fl-unità tal-kodiċi tal-munita li tista' tidher fil-kaxxa 44, jew, fin-nuqqas ta' tali kodiċi fil-kaxxa 44, il-munita ta' l-istat Membru ta' fejn il-formalitajiet ta' l-importazzjoni jkunu mwettqa.

Kaxxa 48: Pagament imdewwem

Ikteb, meta applikabli, id-dettalji tar-referenza ta' l-awtorizzazzjoni f'dak il-każ; pagament imdewwem hawnhekk jirreferi għall-pagament imdewwem tad-dazji doganli u tat-taxxa tal-kreditu.

▼B

Kaxxa 49: L-identifikazzjoni tal-maħżen

Uża l-kodiċi relevanti tal-Komunità mill-Anness 38, ikteb id-dettalji tar-referenza tal-maħżen.

Kaxxa 54: Il-post u d-data, il-firma u l-isem tad-dikjarant jew tar-rappreżentant tiegħu

Ikteb il-post u d-data tat-twettieq tad-dikjarazzjoni.

Bla ħsara tad-disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom ikunu adottat fir-rigward ta' l-użu tas-sistemi komputerizzati, l-oriġinal tal-firma miktuba bl-idejn tal-persuna ikkonċernata għandha tkun mogħtija fuq il-kopja li għandha tibqa fl-uffiċċju ta' l-importazzjoni, segweita fl-isem sħiħ ta' dik il-persuna. Meta dik il-persuna tkun persuna legali, il-firmatarju għandu jżid il-posizzjoni tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

TITOLU III

RIMARKI LI JIKKONĊERNAW IL-FORMOLI TAL-KONTINWAZZJONI

A. Formoli tal-kontinwazzjoni għandhom ikunu użati biss meta d-dikjarazzjoni tkopri aktar minn punt wieħed (cf. Kaxxa 5). Dawn għandhom ikunu ippreżentati flimkien ma formola IM, EX, EU jew CO.

B. L-istruzzjonijiet fit-Titoli I u II huma wkoll applikabbli għall-formoli tal-kontinwazzjoni.

B'dana kollu:

— is-simboli "IM/c", "EX/c" jew "EU/c" (jew "CO/c" meta applikabbli) għandhom jinkitbu fl-ewwel sud-diviżjoni tal-kaxxa 1, dik is-sid-diviżjoni għandha titħalla vojta meta:

— din il-formola tkun użata biss għal transitu fil-Komunità, f'liema każi, jiddependi mill-proċedura tat-transitu fil-Komunità applikabli għal-oġġetti ikkonċernati, "T1bis", "T2bis", "T2Fbis" jew "T2SMbis" għandha tkun miktuba fit-tielet sud-diviżjoni tal-kaxxa 1,

— din il-formola tkun użata biss sabiex tfroni prova ta' l-istatus tal-Komunità, f'liema każi, jiddependi mill-proċedura ta' l-istatus ta' l-oġġetti ikkonċernati, "T2Lbis", "T2Fbis" jew "T2SMbis" għandha tkun miktuba fit-tielet sud-diviżjoni tal-kaxxa,

— il-kaxxa 2/8 hija għal użu voluntarju mill-Istati Membri u għandha turi biss l-isem u n-numru ta' l-identifikazzjoni, jekk ikun hemm, tal-persuna ikkonċernata,

— il-parti "sommarja" fil-kaxxa 47 tikkonċerna s-sommarju finali tal-punti kollha koperti bil-formoli IM u IM/c, EX u EX/c, EU u EU/c jew CO u CO/c kif użati. Għandha għalhekk tkun użata biss fuq l-aħħar formoli IM/c, EX/c, EU/c jew CO/c mhemuża ma document IM, EX, EU jew CO sabiex turi t-total pagabli bit-tip ta' taxxa.

C. Jekk formoli tal-kontinwazzjoni jkunu użati,

— kwalunkwe kaxxi 31 (Pakketti u deskrizzjoni ta' l-oġġetti) li ma jkunux ġew uzati għandhom ikunu maqtuha sabiex ma jħallux li jsir użu aktar tard,

— meta t-tielet sud-diviżjoni tal-kaxxi 1 ikun fiha s-simbolu T, il-kaxxi 32 (numru tal-punt), 33 (il-kodiċi tal-kommodità), 35 (il-massa grossa (kg)), 38 (il-massa netta (kg)), 40 (Dikjarazzjoni sommarja/dokument preċedenti) u 44 (Informazzjoni addizzjonali, dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet prodotti) ta' l-ewwel punt ta' l-oġġetti fid-dikjarazzjoni tat-transitu użati għandhom ikunu maqtgħin barra u l-ewwel kaxxa 31 (Pakketti u deskrizzjoni ta' l-oġġetti) ta' dan id-dokument ma tistgħax tkun użata sabiex ikunu miktuba l-marki, n-numri, in-numru u t-tip ta' pakketti jew id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti. Fil-kaxxa 31 ta' dan id-dokument, referebza għandha ssir, skond kif xieraq, għan-numru tal-formoli ta' kontinwazzjoni li jkollhom is-simboli rispettivi Tċbis, T2bis jew T2Fbis.

▼B

ANNESS 38

KODIĊI LI GĦANDHOM IKUNU UŻATI FIL-FORMOLI [1] [2]

TITOLU I

RIMARKI ĠENERALI

Dan l-Anness fih biss il-ħtiġiet bażiċi speċifiċi tal-ħtiġiet applikabbli meta jsir użu mil-formoli tal-karti. Meta l-formalitajiet tat-transitu jkunu mwettqa bi skambju ta' messaġġi EDI, l-istruzjonijiet li jinsabu f'dan l-Anness huma applikabli sakemm l-Annessi 37a jew 37c ikunu jipprovdu mod ieħor.

F'uħud mill-każi, il-ħtiġiet tat-tip u t-tul tal-kitbiet huma speċifikati. Il-kodiċi għat-tipi differenti ta' *data* huma:

a alfabetiċi

n numeriċi

an alfa-numeriċi

In-numru ta' wara l-kodiċi jindika t-tul awtorizzat tad-dħul tad-*data*. Żewġ punti qabel l-indikazzjoni tat-tul ifissru li d-dħul tad-*data* ma tkunx ta' tul determinat, imma li din tista' tinkludi numru ta' karattri san-numru indikat.

TITOLU II

KODIĊI

Kaxxa 1: Dikjarazzjoni

L-ewwel sud-diviżjoni

Il-kodiċi applikabbli (a2) huma mogħtija hawn taħt:

EX Għal kummerċ ma pajjiżi u territorji li jinsabu 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità apparti minn dawk tal-pajjiżi EFTA

Għat-tqegħid ta' oġġetti taħt il-proċedura doganali referuta fil-kolonni A u E tat-tabella fl-Anness 37, Titolu I, B)

Sabiex tkun konferita fuq l-oġġetti trattament ta' l-approvazzjoni diganali jew l-użu referut fil-kolonni C u D tat-tabella fl-Anness 37, Titolu I, B)

Għal dispaċċ ta' oġġetti mhux-tal-Komunità fil-kuntest tal-kummerċ bejn Stat Membri

IM Għal kummerċ ma pajjiżi u teritorji li jinsabu 'l barra mit-territorju doganali tal-Komunità apparti minn dawk tal-pajjiżi EFTA

Għat-tqegħid ta' oġġetti taħt il-proċedura doganali referuta fil-kolonni H sa K tat-tabella fl-Anness 37, Titolu I, B)

Għal tqegħid ta' oġġetti mhux-tal-Komunità taħt proċedura doganali fil-kuntest tal-kummerċ bejn Stat Membri

EU Fil-kuntest ta' kummerċ ma pajjiżi EFTA

Għat-tqegħid ta' oġġetti taħt il-proċedura doganali referuta fil-kolonni A, E u H sa K tat-tabell fl-Anness 37, Titolu I, B)

Sabiex tkun konferita fuq l-oġġetti trattament ta' l-approvazzjoni diganali jew l-użu referut fil-kolonni C u D tat-tabella fl-Anness 37, Titolu I, B)

CO Fir-rigward ta' oġġetti tal-Komunità suġġetti għal miżuri speċifiċi matul il-perjodu transitorju li jsegwi l-adeżjoni ta' Stati Membru ġodda

Tqegħid ta' oġġetti finanzjati bil-quddiema f'maħżen doganali jew żona ħielsa

Fir-rigward ta' oġġetti tal-Komunità fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-partijiet tat-territorju doganali tal-Komunità li fihom id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 77/388/KEE huma applikabli u fil-partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawn id-disposizzjonijiet ma humiex applikabli, jew fil-kuntest ta' kummerċ bejn il-partijiet ta' dak it-territorju meta dawk id-disposizzjonijiet ma jkunux applikabbli.

---

(1) L-u żu tal-kliem, esportazzjoni, riesportazzjoni, ifissru l-istess ħal dispaċċ, introduzzjoni u riintroduzzjoni.

(2) It-terminu EFTA f'dan l-Anness tirreferi mhux biss għhall-pajjiżi ta' l-EFTA, iżda wkoll għall-pgjiżi msieħba-konvenzjoni bi proċedura komuni ta' tranżitu u s-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-merkonzija.

▼B

It-tieni sud-diviżjoni

Il-kodiċi applikabbli (a1) huma mogħtija hawn taħt:

A għal dikjarazzjoni normali (proċeduri normali permezz ta' l-Artikolu 21 tal-Kodiċi)

B għal dikjarazzjoni mhux kompluta (proċeduri simplifikati permezz ta' l-Artikolu 76(1)(a) tal-Kodiċi)

C għal dikjarazzjoni simplifikata (proċedura simplifikata permezz ta' l-Artikolu 76(1)(b) tal-Kodiċi)

D Għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni normali (bħal ma huwa referut permezz tal-kodiċi A) qabel ma d-dikjarant ikun f'posizzjoni li jippreżenta l-oġġetti.

E Għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni mhux kompluta (bħal ma huwa referut permezz tal-kodiċi B) qabel ma d-dikjarant ikun f'posizzjoni li jippreżenta l-oġġetti.

F Għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni simplifikata (bħal ma huwa referut permezz tal-kodiċi C) qabel ma d-dikjarant ikun f'posizzjoni li jippreżenta l-oġġetti.

X għal dikjarazzjoni supplementarja permezz tal-proċedura simplifikata koperta b'B

Y għal dikjarazzjoni supplementarja permezz tal-proċedura simplifikata koperta b'C

Z għal dikjarazzjoni supplementarja permezz tal-proċedura simplifikata skond l-Artikolu 76(1)(c) tal-Kodiċi (id-dħul ta' l-oġġetti fir-reġistri)

Il-kodiċi D, E u F jistgħu biss ikunu użati fil-qabef tal-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 201(2) meta l-awtoritajiet doganali awtorizzati li jippreżentaw dikjarazzjoni qabel ma d-dikjarant ikun f'posizzjoni li jippreżenta l-oġġetti.

It-Tielet sud-diviżjoni

Il-kodiċi applikabbli (an..5) huma mogħtija hawn taħt:

T1 Oġġetti meħtieġa li jiċċaqilqu permezz ta' proċedura tal-Komunità ta' transitu estern

T2 Oġġetti meħtieġa li jiċċaqilqu permezz tal-proċedura tal-Komunità tat-transitu intern b'konformità ma l-Artikolu 163 jew 165 tal-Kodiċi, sakemm l-Artikolu 340c(2) jkun applikabli

T2F Oġġetti meħtieġa li jiċċaqilqu taħt il-proċedura tal-Komunità ta' transitu intern, b'konformità ma l-Artikolu 340c(1)

T2SM Oġġetti mqiegħda taħt il-proċedura tal-Komunità ta' transitu intern, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 4/92 tal-Kumitat ta' Koperazzjoni KEE-San Marino tat-22 ta' Diċembru 1992.

T Konsenji mħallta koperti bl-Artikolu 351, f'liema każ l-ispazju li jsegwi l-"T" għandu jkun maqtugħ.

T2L Formola li tistabbilixxi l-istatus tal-Komunità ta' l-oġġetti

T2LF Formola li tistabbilixxi l-istatus tal-Komunità ta' oġġetti ikonsenjati lejn, jew minn, parti tat-territorju doganali tal-Komunità meta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 77/388/KEE ma jkunux applikabbli

T2LSM Formola li tistabbilixxi l-istatur ta' oġġetti destinati għal San Marino fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 4/92 tal-Kumitat ta' Koperazzjoni KEE-San Marino tat-22 ta' Diċembru 1992.

Kaxxa 2: Konsenjat/Esportatur

Meta n-numri ta' l-identifikazzjoni jkunu użati, il-kodiċi għandha jkollha din l-għamla kif ġejja:

Ma l-importazzjoni: Il-kodiċi tal-pajjiż (a2); il-kodiċi UN/EDIFACT 3055 (an..3); il-kodiċi ta' l-identifikazzjoni ta' l-esportatur (an..13)

Ma l-esportazzjoni: Il-kodiċi tal-pajjiż (a2); il-kodiċi ta' l-identifikazzjoni ta' l-esportatur (an..16)

▼B

Il-kodiċi tal-pajjiż: Il-kodiċi alfabetika tal-Komunità għall-pajjiżi u t-territorji hija msejsa fuq l-ISO *alpha* 2 (a2) fis-seħħ sa fejn hija kompatibbli mal-ħtiġiet tal-liġi tal-Komunità. Il-bażi legali ta' dawn il-kodiċi hija ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 tat-22 ta' Mejju 1995 dwar l-istatistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' l-oġġetti mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha ma' pajjiżi mhux-Membri (ĠU L 118, 25.5.1995). Il-Kummissjoni regolarment tippubblika r-regolamenti li jaġġornaw il-lista tal-kodiċi tal-pajjiżi.

UN/EDIFACT 3055: Fir-rigward tal-kodiċifikazzjoni ta' l-operaturi fil-pajjiżi tersi msemmija fil-kaxxi 2 u 8, l-Istati Membri jużaw lista maħruġha u aġġornata minn aġenzija jew minn istituzzjoni oħra li tiddifenixxi l-kodiċi tal-partijiet interessati. L-aġenzija magħżulha għandha tkun identifikata fil-lista ta' l-eġenziji li hija ippublikata mill-UN taħt l-intestatura UN/EDIFACT 3055 (Electronic Data Interchange for Administration, Commerce and Transport - Interskambju ta' Data Elettronika għall-Amministrazzjoni, Kummerċ u Trasport) li fiha lista ta' l-aġenziji responsabli għall-Iżvilupp ta' tali listi ta' operaturi ekonomiċi.

Eżempju: "JP1511234567890" għal esportatur Ġappuniż (kodiċi tal-pajjiż: JP) li n-numru ta' l-identifikazzjoni tiegħu mad-dwana Ġappuniża (kodiċi ta' l-aġenzija 151 fil-lista tal-kodiċi għal-UN/EDIFACT *data element* 3055) huwa 1234567890.

Kaxxa 8: Konsennjant

Meta n-numri ta' l-identifikazzjoni jkunu użati, il-kodiċi għandha jkollha din l-għamla kif ġejja:

Ma l-importazzjoni: Il-kodiċi tal-pajjiż (a2); il-kodiċi ta' l-identifikazzjoni tal-konsennjant (an..16)

Ma l-esportazzjoni: Il-kodiċi tal-pajjiż (a2); il-kodiċi UN/EDIFACT 3055 (an..3); il-kodiċi ta' l-identifikazzjoni ta' l-importatur (an.13)

Uża l-kodiċi tal-pajjiż miktub fil-kaxxa 2.

Eżempju: "JP1511234567890" għal importatur Ġappuniż (kodiċi tal-pajjiż: JP) li n-numru ta' l-identifikazzjoni tiegħu mad-dwana Ġappuniża (kodiċi ta' l-aġenzija 151 fil-lista tal-kodiċi għal-UN/EDIFACT *data element* 3055) huwa 1234567890.

Kaxxa 14: Dikjarant/Rappreżentant

(a) Ikteb waħda minn dawn il-kodiċi li ġejjin (n1) qabel l-isem u l-indirizz sħaħ sabiex tinnomina lid-dikjarant jew l-istatus tar-rappreżentant:

1. Dikjarant

2. Rappreżentant (rappreżentazzjoni diretta fil-qofol tat-tifsira ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5(2) tal-Kodiċi)

3. Rappreżentant (rappreżentazzjoni indiretta fil-qofol tat-tifsira tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 5(2) tal-Kodiċi)

Meta dan l-elemnt tad-*data* jkun stampat fuq dokument tal-karta, dan għandu jkun f'parentasi kwadri (Ex: 1, 2, jew 3)

(b) Meta n-numri ta' l-identifikazzjoni jkunu użati, il-kodiċi għandha jkollha din l-għamla kif ġejja: Il-kodiċi tal-pajjiż (a2); il-kodiċi ta' l-identifikazzjoni tad-dikjarant/rappreżentant (an.16).

Uża l-kodiċi tal-pajjiż miktub fil-kaxxa 2.

Kaxxa 15a: Il-kodiċi tal-pajjiż tal-konsennja/esportazzjoni

Uża l-kodiċi tal-pajjiż miktub fil-kaxxa 2.

Kaxxa 17a: Kodiċi tal-Pajjiż tad-destinazzjoni

Uża l-kodiċi tal-pajjiż miktub fil-kaxxa 2.

Kaxxa 17b: Kodiċi tar-reġjun tad-destinazzjoni

Uża l-kodiċi li għandhom ikunu adottati mill-Istati Membri.

Kaxxa 18: In-nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport fit-tluq

Uża l-kodiċi tal-pajjiż miktub fil-kaxxa 2.

Kaxxa 19: Kontenitur (Ctr)

Il-kodiċi relevanti (n1) huma mogħtija hawn taħt:

0 Oġġetti mhux trasportati f'kontenituri

▼B

1 Oġġetti transportati f'kontenituri.

Kaxxa 20: Termini tal-konsennja

Il-kodiċi u l-istqarrijiet għandhom ikunu miktuba, kif xieraq, fl-ewwel żewġ sud-diviżjonijiet ta' din il-kaxxa kif ġej:

L-ewwel sud-diviżjoni	Tifsira	It-tieni sud-diviżjoni
Kodiċi incoterm	Incoterms — ICC/ECE	Il-post li għandu jkun speċifikat
EXW	Ex works	Post innominat
FCA	Karreġġjata libera	Post innominat
FAS	Liberu mal-ġemb tal-vapur	Port tat-tbaħħir innominat
FOB	Liberu abbord	Port tat-tbaħħir innominat
CFR	Valur u nol	Port tad-destinazzjoni innominat
CIF	Valur, asigurazzjoni u nol	Port tad-destinazzjoni innominat
CPT	Karreġġjata mħallsa lil	Port tad-destinazzjoni innominat
CIP	Karreġġjata u asigurazzjoni mħallsa lil	Port tad-destinazzjoni innominat
DAF	Mwassal fil-fruntiera	Post innominat
DES	Imwassall mill-vapur	Port tad-destinazzjoni innominat
DEQ	Imwassall mill-moll	Port tad-destinazzjoni innominat
DDU	Imwasal bid-dazju mhux imħallas	Port tad-destinazzjoni innominat
DDP	Imwasal bid-dazju imħallas	Port tad-destinazzjoni innominat
XXX	Termini oħrajn tat-twasil apparti minn dawk elenkati hawn fuq	Deskrizzjoni narrattiva tat-termini tat-twassil kif mogħtija fil-kuntratt

L-Istati Membri jistgħu jkunu jeħtieġu d-dettalji tal-kodiċi li ġejjin (n1) fit-tielet sud-diviżjoni:

1: Post lokalizzat fit-territorji ta' l-Istat Membru ikkonċernat

2: Post lokalizzat fit-territorji ta' l-Istat Membru ieħor

3: Oħrajn (post lokalizzat ‘il barra mil-Komunità).

Kaxxa 21: In-nazzjonalità tal-mezzi attivi tat-trasport fil-qsim tal-fruntiera

Uża l-kodiċi tal-pajjiż miktub fil-kaxxa 2.

Kaxxa 22: Munita tal-fattura

Il-munita tal-fattura għandha tkun miktuba permezz tal-kodiċi tal-munita ISO alpha-3 (Kodiċi ISO 4217 għar-rappreżentazzjoni tal-muniti u l-fondi)

Kaxxa 24: Natura tat-transazzjoni

Il-kodiċi applikabbli huma mogħtija hawn taħt:

L-Istati Membri li jeħtieġu dan il-punt ta' l-informazzjoni għandhom jużaw il-kodiċi ta' ċifra singola elenkati fil-kolonna A (eskluża, meta xieraq, il-kodiċi 9), din iċ-ċifra tkun miktuba fin-naħa tax-xelluq tal-kaxxa. Huma jistgħu ukoll jipprovdu għal tieni ċifra mil-lista fil-kolonna B li tkun miktuba fin-naħa tal-lemin tal-kaxxa.

▼B

Kolonna A	Kolonna B
1. Tranżazzjonijiet jew trasferiment intiż li jinvolvi konsiderazzjoni attwali oħra elenkata taħt 2, 7 u padronanza kontra pagament (apparti milli t-tranżazzjonijiet 8) (1) (2) (3)	1. Xiri/bejgħ finali (2) 2. Oġġetti mibgħuta bħala demostrazzjoni, kampjun bi prova, oġġetti mibgħuta bid-dritt tar-ritorn u transazzjonijiet li jinvolvu senserija 3. Transazzjonijiet li jinvolvu pagament bl-għelejjel 4. Bejgħ lill-vjaġġaturi barranin għall-użu personali tagħhom 5. Kiri finanzjarju (3)
2. Ritirn ta' oġġetti diġa rreġistrati taħt il-kodiċi 1 (4); kambjament ta' oġġetti mingħajr ħlasijiet	1. Ritorn ta' l-oġġetti 2. Kambjament ta' oġġetti mibgħuta lura 3. Kambjament (e.g. permezz tat-termini tal-garanzija) għal oġġetti mhux mibgħuta lura
3. Transazzjonijiet (li fin-natura tagħhom ma jkunux temporanji) li jinvolvu l-padronanza imma mingħajr konsidereazzjoni (finanzjarja jew mod ieħor)	1. Fornimenti ta' oġġetti permezz tal-programmi kompletament jew parzjalment finanzjati mill-Komunità Ewropea 2. Fornimenti oħrajn b'għajnuna governattiva 3. Fornimenti oħrajn ta' għajnuna (individwi u organizzazzjonijiet mhux governattivi) 4. Oħrajn
4. Transazzjonijiet bil-għan ta' l-ipproċessar (5) jew b'kuntratt tat-tiswija (6) (apparti milli t-transazzjonijiet irreġistrati taħt 7)	1. Proċessar 2. Tiswija u manutenzjoni bil-ħlas 3. Tiswija u manutenzjoni mingħajr ħlas
5. Transazzjonijiet wara l-ipproċessar (5) jew b'kuntratt tat-tiswija (6) (apparti milli t-transazzjonijiet irreġistrati taħt 7)	1. Proċessar 2. Tiswija u manutenzjoni bil-ħlas 3. Tiswija u manutenzjoni mingħajr ħlas
6. Transazzjonijiet li ma jinvolvux trasferiment ta' pardonanza, e.g. kiri, self, kiri operattiv (7) u użu temporanju ieħor (8), bl-eċċezzjoni ta' l-ipproċessar taħt kuntratt tat-tiswija (forniment u ritorn)	1. Kiri, self, kiri operattiv 2. Użu temporanju ieħor
7. Transazzjonijiet b'konnessjoni ma' proġramm konġunt tad-difiża jew programm ieħor ta' produzzjoni inter-governattiva (e.g. Airbus)	
8. Forniment ta' materjal tal-bini u apparat b'konnessjoni ma attivitajiet tal-kostruzzjoni jew l-inġinerija ċivili li jikkostitwixxu parti minn kuntratt ġenerali (9)	
9. Transazzjonijiet oħrajn	

(1) Dan il-punt ikopri ħafna mill-esportazzjoni u l-importazzjoni, i.e. transazzjonijiet li fir-rigward tagħhom:
— il-padronanza hija trasferita minn resident lejn min mhux-resodent jew vice versa,
— pagament jew kumpens ieħor (pagament bl-għelejjel) huwa jew sejjer iseħħ.
Għandu jkun innotat li dan japplika għall-oġġetti mibgħuta bejn l-entitajiet ta' l-istes impriża jew għall-istess grupp ta' impriżi u għall-oġġetti mingħuta minn/lejn depost ċentrali tad-distribuzzjoni, sakemm l-ebda pagament jew kumpens ieħor ma jsir fir-rigward ta' dawn it-transazzjonijiet (f'lima każ tali transazzjonijiet għandhom ikunu elenkati taħt il-kodiċi 3).

(2) Inkluži l-*ispare parts* u fornimenti oħrajn tat-tibdil li jseħħu kontra l-pagamenti.

(3) Inkluż il-kiri finanzjarju: il-puntati tal-kiri huma ikkalkolati b'tali mod hek li jkopru l-valur kollu, jew virtwalment kollu, ta' l-oġġetti. Il-benefiċċji u r-riskji tal-padronanza huma trasferiti għall-kerrej. Fit-tmiem tal-kuntratt, il-kerrej isir il-propjetarju legali.

(4) Il-forniment tar-ritorn u t-tibdil ta' oġġetti oriġinalment ireġistrati taħt l-intestaturi 3 sa 9 tal-kolonna A għandhom ikunu reġistrati taħt l-intestaturi korespondenti.

(5) Operazzjoni ta' l-ipproċessar (seww jek, u anki jekk le, taħt is-superviżjoni doganali) għandhom ikunu rreġistrati taħt l-intestaturi 4 u 5 tal-kolonna A. Operazzjonijiet ta' l-ipproċesar għall-akkont-intern ma humiex koperti b'dawn l-intestaturi u għandhom ikunu irreġistrati taħt l-intestatura 1 tal-kolonna A.

(6) It-tiswija tinvolvi r-restawr ta' l-oġġetti lejn il-funzjoni oriġinali tagħhom; din tista' tinvolvi xi alterazzjonijiet strutturali jew tittjib.

(7) Kiri operazzjonali: il-kuntratti tal-kiri kollha apparti minn dawk tal-kiri finanzjarju (ara n-nota 3).

(8) Dan il-punt ikopri oġġetti esportati/importati bl-intenzjoni ta' importazzjoni mill-ġdid/esportazzjoni mill-ġdid sussegwenti mingħajr li tibdil ma jkun seħħ fil-padronanza.

(9) It-transazzjonijiet ireġistrati taħt l-intestatura 8 tal-koloba A jinvolvu oġġetti li m'għandhomx fattura seperata imma li huma taħt fattura waħda li tkun saret sabiex tkobri t-total tal-valur kollettiv. Meta dan ma jkunx il-każ, it-transazzjonijiet għandhom ikunu irreġistrati taħt l-intestatura 1.

▼B

Kaxxa 25: Modula tat-trasport fil-fruntiera

Il-kodiċi applikabbli (an1) huma mogħtija hawn taħt:

Kodiċi	Deskrizzjoni
1	Trasport bil-baħar
2	Trasport bil-ferrovija
3	Trasport bit-triq
4	Trasport bl-ajru
5	Konsenja postali
7	Stallazzjonijiet fissi tat-trasport
8	Trasport fuq il-kanali nterni
9	Bill-mezzi tiegħu stess

Kaxxa 26: Modula tat-trasport intern

Il-kodiċi elenkati fil-kaxxa 25 huma applikabbli.

Kaxxa 29: Uffiċċju tal-ħruġ/dħul

Uża l-kodiċi (an8) struttari kif ġej:

— l-ewwel żewġ karattri (a2) iservu sabiex jidentifikaw il-pajjiż permezz tal-kodiċi tal-pajjiż miktuba fil-kaxxa 2,

— is-sitt karattri segwenti (an6) huma għall-uffiċċju ikkonċernat f'dak il-pajjiż. Huwa suġġerit li din l-istruttura li ġejja tkun adotta:

L_ewwel tlett karattri (a3) jkunu meħuda mill-UN/LOCODE u l-aħħar tlett karattri minn dud-diviżjoni alfa-numerika nazzjonali (an3). Jekk din is-sud-diviżjoni ma tkunx użata, il-karattri "000" għandhom ikunu miktuba.

Eżempju: BEBRU000: BE = ISO 3166 għall-Belġju, BRU = UN/LOCODE għall-belt ta' Brussel, 000 għal sud-diviżjoni mhux użata.

Kaxxa 31: Pakketti u deskrizzjoni ta' l-oġġetti; Marki u numri – Nru(i) tal-kontenitur(i) – Numru u tip:

Tip ta'pakketti

Uża l-kodiċi li ġejjin:

(UN/ECE Rakkommandazzjoni No 21/REV. 1, Awissu 1994)

KODIĊI TA' L-IPPAKKJAR

Aerosol	AE
Ampula, mhux protetta	AM
Ampula, protetta	AP
Atomizatur	AT
Borża	BG
Borża, multipla	MB
Balla, ikkompressata	BL
Balla, mhux ikkompressata	BN
Bużżieqa, mhux protetta	BF
Bużżieqa, protetta	BP
Stanga	BR
Kartel	BA
Stangi, f'mazez/marbuta/gruppi	BZ
Basket	BK
Landa	BI

▼B

Folja	BD
Folji, f'mazez/marbuta/gruppi	BY
Rkiekel	BB
Pezza	BT
Ċilindru, tal-gass	GB
Ċilindru, mhux-protett, imżaqqaq	BS
Ċilindru, mhux-protett, ċilindriku	BO
Ċilindru, protett, imżaqqaq	BV
Ċilindru, protett, ċilindriku	BQ
Kaxxa tal-fliexken/xtilliera tal-fliexken	BC
Kaxxa	BX
Barmil	BJ
Fil-massa, gass (fi 1 031 mbar u 15 °C)	VG
Fil-massa, gass likwifikat (fi temperatura/pressjoni anormali)	VQ
Fil-massa, likwidu	VL
Fil-massa, solidu, partiċelli rqaq (“trabijiet”)	VY
Fil-massa, solidu, partiċelli granulari (“gerbubi”)	VR
Fil-massa, solidu, partiċelli kbar (“noduli”)	VO
Lott	BH
Mazz	BE
Bittija	BU
Gaġġa	CG
Bott, ċilindriku	CX
Bott, rettangolari	CA
Kaxxetta	CI
Kanvazz	CZ
Damiġġana, mhux protetta	CO
Damiġġana, protetta	CP
Kaxxa tal-kartun	CT
Kaxxa	CS
Kaxxa, qafas	SK
Bittija	CK
Ċestun	CH
Mastella	CC
Senduq	CF
Tebut	CJ
Romblu	CL
Tubu li jikkollassja	TD
Għata	CV
Ċestun	CR
Ċestun, birra	CB
Ċestun, bil-qafas	FD

▼B

Ċestun, tal-frott	FC
Ċestun, tal-ħalib	MC
Ċestun, baxx	SC
Kannestru	CE
Kikkra	CU
Ċilindru	CY
Damiġġana, mhux protetta	DJ
Damiġġana, protetta	DP
Kartell	DR
Envelops	EN
Pakk tat-tertuqa	FP
Kartell (tad-9 galluni)	FI
Garafina	FL
Footlocker	FO
Gwarnić	FR
Travu	GI
Travi, f'mazez/marbuta/gruppi	GZ
Qartalla	HR
Bittija tal-52 gallun	HG
Ingott	IN
Ingotti, f'mazez/marbuta/gruppi	IZ
Vażett	JR
Jerrican, ċilindriku	JY
Jerrican, rettangolari	JC
Buqar	JG
Xkora tal-ġuta	JT
Barlotta	KG
Zokk	LG
Zkuk, f'mazez/marbuta/gruppi	LZ
Għatta (ħsajjar)	MT
Kaxxa tas-sulfarini	MX
Bejta	NS
Xibka	NT
Imballaġġ	PK
Pakkett	PA
Satal	PL
Pakkett (żgħir)	PC
Manka	PI
Pajpijiet, f'mazez/marbuta/gruppi	PZ
Ġarra	PH
Planka	PN
Planki, f'mazez/marbuta/gruppi	PZ
Pjanċa	PG
Pjanċi, f'mazez/marbuta/gruppi	PY

▼B

Ġarra (borma)	PT
Barsakka żgħira	PO
Rednet	RT
Rukkell	RL
Ċurkett	RG
Qasba	RD
Qasab, f'mazez/marbuta/gruppi	RZ
Roll	RO
Borża ċkejkna	SH
Xkora	SA
Xkora, nfurzata	MS
Ċestun tal-baħħara	SE
Folja	ST
Metall tal-folja	SM
Folji, f'mazez/marbuta/gruppi	SZ
Shrinkwrapped	SW
Slipsheet	SL
Żarżur	SD
Bagalja	SU
Tank, ċilindriku	TY
Tank, rettangolari	TK
Ċestun tat-te	TC
Landa	TN
Tilar	PU
Senduq	TR
Ħżiem	TS
Dugħ	TB
Tubu	TU
Tubi, f'mazez/marbuta/gruppi	TZ
Kartell tat-tiħmir	TO
Mhux ippakkjat jew mhux ippakkeġġjat	NE
Ippakkajat fil-vakwu	VP
Bittija kbira	VA
Kunjett	VI
Flixkun bil-kaledindja	WB

Kaxxa 33: Kodiċi tal-Kommodità

L-ewwel sud-diviżjoni (8 ċifri)

Għandha tkun mimlija bl-użu ta' l-intestaturi tan-Nomeniklatura Magħqudha

Meta din il-formola hija wżata għall-iskopijiet tal-proċedura ta' transitu tal-Komunità, il-kodiċi tal-komodità magħmulha mill-anqas minn sitt ċifri tas-Sisetma tad-Deskrizzjoni u l-Kofifika tal-Komodità Armonizzata għandha tkun miktuba f'din is-sud-diviżjoni. B'dana kollu, meta l-leġislazzjoni tal-Komunità hek tkun teħtieġ, l-intestatura tan-Nomeniklatura Magħqudha għandha tkun użata.

▼B

It-tieni sud-diviżjoni (żewġ karattri)

Għandha tkun mimlija bi qbil mal-kodiċi Taric (żewġ karattri għall-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi tal-Komunità fir-rigward tal-formalitajiet li għandhom ikunu mwettqa fid-destinazzjoni).

It-tielet sud-diviżjoni (erba karattri)

Għandha tkun mimlija bi qbil mal-kodiċi Taric (l-ewwel kodiċi addizzjonali).

Ir-raba' sud-diviżjoni (erba karattri)

Għandha tkun mimlija bi qbil mal-kodiċi Taric (it-tieni kodiċi addizzjonali).

Il-ħames sud-diviżjoni (erba karattri)

Il-kodiċi għandhom ikunu adottati mill-Istati Membri ikkonċernati.

Kaxxa 34a: Kodiċi tal-Pajjiż ta' l-oriġini

Uża l-kodiċi tal-pajjiż miktub fil-kaxxa 2.

Kaxxa 34b: Kodiċi tar-reġjun ta' l-oriġini / produzzjoni

Il-kodiċi għandhom ikunu adottati mill-Istati Membri.

Kaxxa 36: Preferenza

Din il-kaxxa għal kodiċi ta' tliet ċifri tinkludi komponent ta' ċifra-singola minn 1). u kompinent ta' ċifra-bi tnejn minn 2).

Il-kodiċi relevanti huma mogħtija hawn taħt:

1. L-ewwel ċifra tal-kodiċi

   1 Arranġament tat-tariffa *erga omnes*

   2 Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP)

   3 Preferenzi tat-tariffa apparti minn dawk imsemmija taħt il-kodiċi 2

   4 Nuqas ta' imposizzjoni tad-dazji doganali permezz tad-disposizzjonijiet ta' l-arranġamenti ta' l-unjoni doganali konklużi mill-Komunità

2. Iż-żewġ ċifri segwenti

   00 Xejn minn dawn li ġejjin

   10 Sospenzjoni tat-tariffa

   15 Sospenzjoni tat-tariffa b'użu finali speċifikat

   18 Sospenzjoni tat-tariffa b'ċertifikat li jikkonferma n-natura speċjali tal-prodott

   19 Sospenzjoni temporanja għal prodotti importati b'ċertifikat tal-validità għat-tajran

   20 Kwota tat-tarfiffa (*)

   23 Kwota tat-tariffa b'użu finali speċifikat (*)

   25 Kwota tat-tariffa b'ċertifikat li jikkonferma n-natura speċjali tal-prodott (*)

   28 Kwota tat-tariffa bħala segwiment ta' l-ipproċessar 'il barra (*)

   40 Użu finali speċjali li jirriżulta mit-Tariffa Komuni Doganali

   50 Ċertifikat li jikkonferma n-natura speċjali tal-prodott

Kaxxa 37: Proċedura

A. *L-ewwel sud-diviżjoni*

Il-kodiċi għandhom ikunu mikruba f'din is-sud-diviżjoni huma kodiċi ta' erba' ċifri, magħula minn kodiċi ta' żewġ ċifri li jirrapreżentaw il-proċedura mitluba, segwiti b'kodiċi ta' żewġ ċifri li jirrapreżentaw il-proċedura preċedenti. Il-lista ta' kodiċi ta' żewġ ċifri hija mogħtija hawn taħt.

"Proċedura preċedenti" tfiser il-proċeduta li permezz tagħha l-oġġetti kienu mqiegħda abel ma kienu mqiegħda taħt il-proċedura mitluba.

(*) Meta tinħelea it-tariffa eżistanti, l-Istati Membri jistgħu jaċċetta li jirralidaw it-talba.

▼B

Għandu jkun innotat li meta l-proċedura preċedenti tkun proċedura ta' magażinaġġ jew ta' importazzjoni temporanja, jew meta l-oġġetti jkunu ġejjin minn żona ħielsa, il-kodiċi relevanti għandha tkun użata biss meta l-oġġettima kienux imqiegħda taħt proċedura doganali b'impatt ekonomiku (proċessar 'il ġewwa, proċessar 'il barra jew proċessar taħt il-kontroll doganali).

Per eżempju: l-esportazzjoni mill-ġdid ta' l-oġġetti taħt il-proċedura ta' l-ipproċessar doganali 'l ġewwa (sistema ta' sospenzjoni) u susegwentament imqiegħda taħt il-proċedura tal-magażinaġġ doganali = 3151 (mhux 3171). (L-ewwel operazzjoni = 510; it-tieni operazzjoni = 7151: l-esportazzjoni mill-ġdid = 3151),

L-istes, meta l-oġġetti kienu preċedentament temporanjament esportati u importati mill-ġdid, tqegħid taħt waħda mill-proċeduri sospensivi imsemmija hawn għandha tkun meqjusa bħala importazzjoni sempliċi permezz tal-proċedura. Indikazzjoni ta' l-aspett "importazzjoni mill-ġdid" għandha tkun mogħtija biss meta l-oġġetti huma rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa.

Per eżempju: dħul għall-użu intern bi dħul simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-oġġetti esportati taħt il-proċedura ta' l-ipproċċessar diganali 'l barra u mqiegħda taħt il-proċedura ta' magażinaġġ doganali ma l-importazzjoni mill-ġdid = 6121 (mhux 6171). (L-ewwel operazzjoni: esportazzjoni temporanja għal proċessar 'il barra = 210; it-tieni operazzjoni: ħażna f'magażinaġġ doganali = 7121; it-tielet operazzjoni: dħul għall-użu intern + dħul għal ċirkolazzjoni ħielsa = 6121).

Il-kodiċi immarkati bl-ittra (a) fil-lista ta' hawn taħt ma jistgħux ikunu użati bħala l-ewwel żewġ ċifri tal-kodiċi tal-proċedura, imma biss sabiex jindikaw il-proċedura preċedenti.

Per eżempju: 4054 = dħul għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu intern ta' l-oġġetti preċedentament imqiegħda taħt il-IP - sistema ta' sospenzjoni fi Stat Membru ieħor.

Lista ta' proċeduri għal skopijiet tal-kodiċi

Iż-żewġ elementi bażiċi għandhom ikunu miġbura flimkien sabiex jipproduċu kodiċi ta' erba' ċifri.

00 Din il-kodiċi hija użata sabiex tindika li ma jkunx hemm proċedura preċedenti (a)

01 Ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-oġġetti simultanjament mibgħuta mill-ġdid fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-partijiet tat-territorju doganali tal-Komunità li fihom id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 77/388/KEE hija applikabli u fil-partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawn id-disposizzjonijiet ma humiex applikabli, jew fil-kuntest ta' kummerċ bejn il-partijiet ta' dak it-territorju meta dawk id-disposizzjonijiet ma jkunux applikabbli.

Ċirkolazzjoni ħielsa ta' oġġetti simultanjament mibgħuta mill-ġdid fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-Komunità u l-pajjiżi li magħhom hija tkun iffurmat unjoni doganali.

Eżempju: Oġġetti li jaslu minn pajjiż terz, rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fi Franza u mibgħuta lejn il-Gżejjer tal-Kanal Ingliż.

02 Ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-oġġetti bil-għan li tkun applikata proċedura ta' proċessar 'il ġewwa (sistema tat-teħid lura).

Spjegazzjoni: Proċessar 'il ġewwa (sistema tat-teħid lura) b'konformità ma' l-Artikolu 114(1)(b) tal-Kodiċi.

07 Ċirkolazzjoni ħielsa bi tqegħid simultanju ta' l-oġġetti taħt il-proċedura ta' magażinaġġ appart minn dak tal-proċedura tal-magażinaġġ doganali.

Spjegazzjoni: Din il-kodiċi għandha tkun użata meta l-oġġetti huma rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa imma meta l-VAT u possibbilment id-dazji tas-sisa ma jkunux ġew imħallsa.

Eżempji: Magni importati u rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa imma li l-VAT ma tkunx ġiet imħallsa. Waqt li l-oġġetti jkunu mqiegħda f'magażinaġġ tat-taxxa jew f'żona approvata, il-pagament tal-VAT ikun sospiż.

▼C2

Sigaretti importati u rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa imma li l-VAT u d-dazji tas-sisa ma jkunux ġew imħallsa. Waqt li l-oġġetti jkunu mqiegħda f'magażinaġġ tat-taxxa jew f'żona approvata, il-pagament tal-VAT u d-dazji tas-sisa jkunu sospiżi.

▼B

10 Esportazzjoni permanenti.

Eżempju: L-esportazzjoni normali ta' l-oġġetti tal-Komunità lejn pajjiż terz, imma wkoll l-esportazzjoni ta' l-oġġetti tal-Komunità lejn partijiet tat-territorju doganali tal-Komunità li dwarhom id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE ma jkunux applikabbli (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1).

11 L-esportazzjoni ta' prodotti kompensanti akkwistati minn oġġetti ekwivalenti taħt il-proċedura ta' l-ipproċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospenzjoni) qabel id-dħul ta' l-oġġetti importati għall-proċedura.

Spjegazzjoni: Esportazzjoni preċedenti (EX-IM) b'konformità ma' l-Artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi.

Eżempju: Esportazzjoni tas-sigaretti manifatturati minn weraq tat-tabakk tal-Komunità qabel ma l-weraq tat-tabakk minn pajjiż terz ikunu mqiegħda taħt il-proċedura ta' l-ipproċessar 'il ġewwa.

21 Esportazzjoni temporanja permezz tal-proċedura ta' l-ipproċessar 'il barra.

Spjegazzjoni: Il-proċedura ta' l-ipproċessar 'il barra permezz ta' l-Artikoli 145 sa 160 tal-Kodiċi. Ara wkoll il-kodiċi 22.

22 Esportazzjoni temporanja apparti minn dik referuta taħt il-kodiċi 21.

Eżempju: L-applikazzjoni simultanja għall-prodotti tat-tessuti tal-proċedura ta' l-ipproċessar 'il barra u l-proċedura ta' l-ipproċessar ekonomiku 'il barra (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3063/94).

23 Esportazzjoni temporanja għal ritorn fi stat mhux mibdul.

Eżempju: Esportazzjoni temporanja għal esibizzjonijiet ta' oġġetti bħal ma huma huma kampjuni, apparat professjonali, etc.

31 l-esportazzjoni mill-ġdid.

Spjegazzjoni: L-esportazzjoni mill-ġdid ta' l-oġġetti mhux-tal-Komunità b'segwiment ta' arranġament sospensiv b'impatt ekonomiku.

Eżempju: Oġġetti mqiegħda taħt il-proċedura ta' magażinaġġ doganali u sussegwentament iddikjarati għall-esportazzjoni.

40 Rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu ntern ta' oġġetti li ma humiex suġġetti ta' forniment b'eżenzjoni-tal-VAT.

Eżempju: Oġġetti ġejjin minn pajjiż terz bil-pagament tad-dazji doganali u tal-VAT.

41 Rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu ntern ta oġġetti mqiegħda taħt il-proċedura ta' proċessar 'il ġewwa (sistema ta' teħid lura).

Eżempju: Proċedura ta' proċessar 'il ġewwa bil-pagament tad-dazji doganali u tat-taxxi interni ma' l-importazzjoni.

42 Rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu ntern ta' oġġetti li huma suġġetti ta' forniment b'eżenzjoni-tal-VAT lejn Stat Membru ieħor.

Eżempju: Importazzjoni ta' oġġetti b'eżenzjoni mill-VAT permezz tar-rappreżentant tat-taxxa.

43 Rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu intern ta' oġġetti suġġetti għal miżuri speċifiċi konnessi mal-ġbir ta' ammont matul perjodu transitorju b'segwiment ta' l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda.

Eżempju: Rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti agrikolu suġġetti, matul perjodu transitorju speċjali b'segwiment ta' l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda, għal proċedura doganali speċjali jew għal miżuri speċjali bejn l-Istati Membri ġodda u l-kumplament tal-Komunità tat-tip applikat f'dak iż-żmien għal ES u PT.

45 Rilaxx ta' oġġetti għal ċirkolazzjoni ħielsa u użu ntern jew għall-VAT jew inkella għal dazji tas-sisa u t-tqegħid tagħhom taħt il-proċedura tat-taxxa tal-magażinaġġ.

Spjegazzjoni: Eżenzjoni mill-VAT jew mis-sisa bit-tqegħid ta' l-oġġetti taħt il-proċedura fiskali tal-magażinaġġ.

Eżempji: Sigaretti importati minn pajjiż terz u rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-VAT tkun imħallsa. Waqt li l-oġġetti jkunu mqiegħda f'magażinaġġ tat-taxxa jew f'żona approvata, il-pagament tad-dazji tas-sisa jkun sospiż.

Sigaretti importati minn pajjiż terz u rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa u d-dazji tas-sisa jkunu imħallsa. Waqt li l-oġġetti jkunu mqiegħda f'magażinaġġ tat-taxxa jew f'żona approvata, il-VAT jkun sospiż.

48 Dħul għal użu ntern mar-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-iskambju ta' oġġetti permezz tal-proċedura ta' l-ipproċessar doganali 'l barra qabel l-esportazzjoni ta' l-oġġetti b'esportazzjoni temporanja.

Spjegazzjoni: Sistema ta' skambju normali (IM-EX), b'esportazzjoni preċedenti b'konformità ma' l-Artikolu 154(4) tal-Kodiċi.

49 Dħul għall-użu ntern ta' l-oġġetti fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-partijiet tat-territorju doganali tal-Komunità li fihom id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 77/388/KEE ħiuma applikabli u fil-partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawn id-disposizzjonijiet ma humiex applikabli, jew fil-kuntest ta' kummerċ bejn il-partijiet ta' dak it-territorju meta dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux applikabbli.

Dħul għall-użu ntern ta' oġġetti fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-Komunità u l-pajjiżi li magħhom ħija tkun iffurmat unjoni doganali.

Spjegazzjoni: Importazzjoni għal dħul b'użu ntern ta' l-oġġetti minn partijiet tal-Komuinità li dwarhom is-Sitt Direttiva VAT (77/388)KEE) mhix applikabli. L-użu tal-SAD huwa stabbilit fl-Artikolu 206.

Eżempji: Oġġetti li jaslu minn Martinique u li jidħlu għall-użu ntern fil-Belġju.

Oġġetti li jaslu mit-Turkija u li jidħlu għall-użu ntern fil-Ġermanja.

51 Proċdura ta' l-ipproċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospenzjoni).

Spjegazzjoni: Proċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospenzjoni) b'konformità ma l-Artikolu 114(1)(a) u (2)(a) tal-Kodiċi.

53 Importazzjoni permezz ta' proċedura ta' l-importazzjoni temporanja.

Eżempju: Importazzjoni temporanja, e.g. għal esebizzjoni.

54 Proċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospenzjoni) fi Stat Membru ieħor (mingħajr ma jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa f'dak l-Istat Membru). (a)

Spjegazzjoni: Din il-kodiċi hija wżata għar-reġistrazzjoni ta' l-operazzjoni għall-iskop ta' l-istatistika dwar il-kummerċ intra-Komunità.

Eżempju: Oġġetti minn pajjiż terz li huma mqiegħda taħt il-proċessar 'il ġewwa fil-Belġju (510). Wara li jkunu għaddew mill-ipproċessar 'il ġewwa, dawn huma mibgħuta lejn il-Ġermanja għal rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa (4054) jew aktar ipproċessar (5154).

61 Importazzjoni mill-ġdid b'rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu ntern ta' oġġetti li ma humiex suġġetti ta' forniment b'eżenzjoni-tal-VAT.

63 L-importazzjoni mill-ġdid b'rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu ntern ta' oġġetti li huma suġġetti ta' forniment b'eżenzjoni-tal-VAT lejn Stat Membru ieħor.

Eżempju: L-importazzjoni mill-ġdid wara l-ipproċessar 'il barra jew l-esportazzjoni temporanja, b'xi dejn doganali jkunu imponut fuq ir-rappreżentant tat-taxxa.

68 L-importazzjoni mill-ġdid bi dħul parjali għall-użu ntern u d-dħul simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u t-tqegħid ta' l-oġġetti taħt proċedura ta' magażinaġġ apparti milli l-proċedura ta' magażinaġġ doganali.

Eżempju: Xorb alkoħoliku ipproċesat huwa importat mill-ġdid u mqiegħed f'maħżen tal-bond.

71 It-tqegħid ta' l-oġġetti taħt il-proċedura tal-maganiżinaġġ doganali.

▼B

Spjegazzjoni: It-tqegħid ta' l-oġġetti taħt il-proċedura tal-maganiżinaġġ doganali. Ma hemm l-ebda metodu biex ikun miċħud it-tqegħid simultanja ta' l-oġġetti fi, ngħidu aħna, f'maħżen tal-bond jew tal-VAT.

76 Tqegħid taħt il-proċedura ta' maħżen doganali jew f'żona ħielsa bil-pagament bil-quddiem tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni ta' prodotti jew oġġetti intiżi għall-esportazzjoni mingħajr aktar proċessar.

Eżempju: Il-ħażna ta' oġġetti intiżi għal-esportazzjoni bil-pagament bil-quddiem tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni. (l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 ta' l-4 ta' Marzu 1980 dwar il-ħlas bil-quddiem tar-rifużjoni fir-rigward il-prodotti agrikoli (ĠU L 62, 7. 3. 1980, p. 5)).

77 Tqegħid f'maħżen doganali, f'żona ħielsa, jew maħżen ħieles bil-pagament bil-quddiem tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni ta' prodotti jew oġġetti ipproċessati intiżi għall-esportazzjoni wara l-ipproċessar.

Eżempju: Il-ħazna ta' prodotti jew oġġetti ipproċessati akkwistati minn prodotti bażiċi intiżi għall-esportazzjoni bil-pagament bil-quddiem tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni. (l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 565/80.)

78 Dħul ta' oġġetti f'żona ħielsa suġġetti għall-kontrolli tip II.

91 It-tqegħid ta' l-oġġetti taħt l-ipproċessar tal-kontroll doganali.

92 Proċessar taħt il-kontroll doganali fi Stat Membru ieħor (mingħajr ma jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa f'dak l-Istat Membru). (a)

Spjegazzjoni: Din il-kodiċi hija wżata għar-reġistrazzjoni ta' l-operazzjoni għall-iskop ta' l-istatistika dwar il-kummerċ intra-Komunità.

*Eżempju:*Oġġetti minn pajjiż terz li huma taħt il-kontroll doganali fil-Belġju (9100). Wara li jkunu għaddew mill-ipproċessar, dawn huma mibgħuta lejn il-Ġermanja għal rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa (4092) jew aktar ipproċessar (9192).

B. *It-tieni sud-diviżjoni*

1. Meta din il-kaxxa tkun użata sabiex tispeċifika proċedura tal-Komunità, kodiċi komposta minn karattru alfabetiku segwit b'żewġ karattri alfa-numeriċi għandhom ikunu użati, li l-ewwel karattru tagħhom jindika kategorija ta' miżuri b'din il-manjera li ġejja:

Proċessar 'il ġewwa	Axx
Proċessar 'il barra	Bxx
Riljev	Cxx
Importazzjoni temporanja	Dxx
Prodotti agrikoli	Exx
Oħrajn	Fxx

Proċessar il-bara (IP)

(l-Artikolu 114 tal-Kodiċi)

Proċedura	Kodiċi
Importazzjoni	
Oġġetti mdaħħla għal proċedura IP (sistema ta' sospenzjoni) wara l-esportazzjoni preċedenti tal-prodotti kompensanti akkwistati mill-ħalib jew mill-prodotti tal-ħalib	A01
Oġġetti mqiegħda taħt proċedura IP (sistema ta' sospenzjoni) u ntiżi għall-użu militari l-barra mill-pajjiż	A02
Oġġetti mqiegħda taħt proċedura IP (sistema ta' sospenzjoni) u ntiżi għall-esportazzjoni mill-ġdid lejn is-sikka kontinentali	A03
Oġġetti mqiegħda taħt proċedura IP (sistema ta' sospenzjoni) (VAT biss)	A04

▼B

Proċedura	Kodiċi
Oġġetti mqiegħda taħt proċedura IP (sistema ta' sospenzjoni) (VAT biss) u ntiżi għall-esportazzjoni mill-ġdid lejn is-sikka kontinentali	A05
Oġġetti mqiegħda taħt proċedura IP (sistema ta' teħid lura) u ntiżi għall-użu militari l-barra mill-pajjiż	A06
Oġġetti mqiegħda taħt proċedura IP (sistema ta' teħid lura) u ntiżi għall-esportazzjoni mill-ġdid lejn is-sikka kontinentali	A07
Oġġetti li huma mqiegħda taħt proċedura IP (sistema ta' sospenzjoni) mingħajr is-sospenzjoni tad-dazji tas-sisa.	A08
Esportazzjoni	
Prodotti kompensanti akkwistati mill-ħalib jew mill-prodotti tal-ħalib	A51
Prodotti kompensanti mqiegħda taħt proċedura IP (sistema ta' sospenzjoni) (VAT biss)	A52
Prodotti kompensanti mqiegħda taħt proċedura IP u ntiżi għall-użu militari l-barra mill-pajjiż	A53

Proċessar 'il barra (OP)

(l-Artikolu 145 tal-Kodiċi)

Proċedura	Kodiċi
Importazzjoni	
Prodotti kompensanti li jmorru lura lejn l-Istat Membru ta' fejn kienu ġew imġallsa d-dazji	B01
Prodotti kompensanti li jmoru lura wara t-tiswija taħt il-garanzija	B02
Prodotti kompensanti li jmoru lura wara t-tibdil taħt il-garanzija	B03
Prodotti kompensanti li jmorru lura wara proċesar 'il barra u s-sospenzjoni tal-BVAT fil-każ ra' użu finali.	B04
Prodotti kompensanti li jmorru lura wara ħelsien parzjali mid-dazji doganali meta l-ispiża ta' l-operazzjoni ta' l-ipproċessar tkun użata għall-kalkolazzjoni (l-Artikolu 591)	B05
Esportazzjoni	
Oġġetti importati għall-IP esportati għal tiswija taħt il-OP	B51
Oġġetti importati għall-IP esportati għal tibdil taħt il-garanzija	B52
OP taħt il-garanziji ma pajjiżi terzi, possibbilment flimien mal-VAT OP	B53
VAT OP biss	B54

Riljev

(Ir-Regolament (KEE) Nru 918/83)

	Artikolu Nru	Kodiċi
Riljev mid-dazji ta' l-importazzjoni		
Propjeta perseonali li tappartieni lill-persuni naturali li jitrasferixxu l-post normali tar-residenza tagħhom lejn il-Komunità	2	C01
Oġġetti importati fl-okkażżjoni ta' żwieġ (id-dota u l-oġġetti tad-dar)	11.1	C02

▼B

	Artikolu Nru	Kodiċi
Oġġetti importati fl-okażjoni taż-żwieġ (rigali normalment mogħtija fl-okkażżjoni taż-żwieġ)	11.2	C03
Propjeta personali akkwistat bħala wirt	16	C04
Oġġetti tad-djar għall-attrezzament tat-tieni residenza	20	C05
Uniformijiet ta' l-iskejjel, materjali sklastiċi u oġġetti domestiċi skolastiċi oħrajn	25	C06
Kunnsenji ta' valur negliġibbli	27	C07
Kunsinji mibgħuta minn individwu privat wieħed lejn ieħor	29	C08
Oġġetti kapitali u apparat ieħor importat mat-trasferiment ta' attivitajiet minn pajjiż terz lejn il-Komunità	32	C09
Oġġetti kapitali u apparat ieħor li jappartieni lill-persuni nvoluti fi professjoni libera u lill-persuni legali involuti f'attività li mhix tal-qliegħ	38	C10
Materjali edukazzjonali, xjentifiċi u kulturali; strumenti xjentifiċi u apparat kif elenkat fl-Anness I	50	C11
Materjali edukazzjonali, xjentifiċi u kulturali; strumenti xjentifiċi u apparat kif elenkat fl-Anness II	51	C12
Materjali edukazzjonali, xjentifiċi u kulturali; strumenti u apparati xjentifiċi (spare parts, komponenti, aċċessorji u għodda)	53	C13
Tgħammir importat għal skopijiet mhux-lummerċjali minn jew f'isem ta' stabbeliment jew organizzazzjoni ta' riċerka xjentifika ibażata l-barra mill-Komunità	59a	C14
Annimali tal-laboratorju u sustanzi bioloġiċi jew kimiċi intiżi għal riċerka	60	C15
Sustenzi terapewtiċi ta' oriġini umana u tal-gruppaġġ tad-demm u tar-reaġenti tat-tipifikar tal-ċelloli	61	C16
Strumenti u apparat użat fir-riċerka medika, li jistabbilixxi dijanjożi medika jew li jwettaq trattament mediku	63a	C17
Sustanzi tar-riċerka għall-kontroll tal-kwalità ta' prodotti mediċi	63c	C18
Prodotti farmaċewtiċi użati f'okkażjonijiet sportivi internazzjonali	64	C19
Oġġetti għall-organizzazzjonijiet karitattevoli jew filantropiċi	65	C20
Oġġetti fl-Anness III intiżi għan-niex għomja	70	C21
Oġġetti fl-Anness IV intiċi għal nies għomja importati mill-persuni għomja nfushom għall-użu personali tagħhom	71, l-ewwel inċiż	C22
Oġġetti fl-Anness IV intiżi għal nies għoma importati minn ċerti istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet	71, it-tieni inċiż	C23
Oġġetti ntiżi għal persuni ħandikappati (apparti milli persuni għomja) importati mill-persuni ħandikappati nfushom għall-użu personali tagħhom	72; 74	C24
Oġġetti ntiżi għal persuni oħrajn ħandikappati (apparti milli persuni għomja) importati minn ċerti istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet	72; 74	C25
Oġġetti importati għall-benefiċċju ta' vittmi ta' xi disastru	79	C26
Decorazzjonijiet u għotjiet onorarji	86	C27

▼B

	Artikolu Nru	Kodiċi
Rigali li jkunu ingħataw fil-kuntest ta' elazzjonijiet internazzjonali	87	C28
Oġġetti użati minn renjanti jew kapijiet ta' l-istat	90	C29
Kampjuni ta' oġġetti importati għal skopijiet tat-tħeġġiġ ta' l-għaqdiet tal-ħaddiema	91	C30
Materja stampata u materja tar-reklamar importata għal skopijiet tat-tħeġġiġ tal-kummerċ	92	C31
Prodotti użati jew ikunsmati f'xi fiera tal-kummerċ jew avveniment simili	95	C32
Oġġetti importati għall-eżamijiet, l-analiżi jew skopijiet ta' testijiet	100	C33
Konsennji mibgħuta lejn organizzazzjonijiet li jipprotieġu d-drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet tal-privattivi industriali u kummerċjali	107	C34
Litteratura ta' l-informazzjoni turistika	108	C35
Dokumenti u oġġetti varji	109	C36
Materjali anċillari għall-ħażna u l-protezzjoni ta' oġġeti matul it-trasport	110	C37
Tiben, għalf u materjali ta' l-għalf għall-annimali matul it-trasport tagħhom	111	C38
Karburanti u lubrikanti preżenti f'vetturi bil-magna ta' l-użu fuq l-art	112	C39
Materjali għal ċimiterji, u monumenti, tal-vittmi tal-gwerra	117	C40
Twiebet, vażetti funebri u oġġetti funebri ornamentali	118	C41
Riljev mid-dazji ta' l-espotazzjoni		
Annimali immansati esportati fil-waqt tat-trasferiment ta' attivitajiet agrikoli mill-Komunità lejn pajjiż terz	120	C51
Għalf u materjali ta' l-għalf li jakumpanjaw l-annimali matul it-trasport tagħhom	126	C52

Importazzjoni temporanja

(Il-Kodiċi u dan ir-Regolament)

Proċedura	L-Artikolu ta' dan ir-Regolament	Kodiċi
Palletti	556	D01
Kontenituri	557	D02
Mezzi tat-trasport	558	D03
Materjali personali u oġġeti għal skopijiet sportivi importati mill-vjaġġaturi	563	D04
Materjali tal-benessere tal-baħħara	564	D05
Materjal ta' riljev fil-każ ta' disastri	565	D06
Apparat mediku, kirurġiku u tal-laboratorju	566	D07
Annimali	567	D08
Oġġetti ntiżi għal attivitajiet skond il-partikolaritajiet taż-żona tal-fruntieri	567	D09
Medja tal-ġarr tal-ħoss, stampi jew *data*	568	D10
Materjal tal-pubbliċità	568	D11
Apparat professjonali	569	D12
Materjal pedagoġiku u apparat professjonali	570	D13

▼B

Proċedura	L-Artikolu ta' dan ir-Regolament	Kodiċi
Ippakkjar, mimli	571	D14
Ippakkjar, vojt	571	D15
Forom, mastri, blokki, disinji, abbozzi, strumenti tal-kejl, tal-verifika u tat-testijiet u oġġetti simili oħrajn	572	D16
Għodod u strumenti speċjali	572	D17
Oġġetti li huma suġġetti għal testijiet	573(a)	D18
Oġġetti importati, suġġetti għal testijiet sodisfaċenti ta' l-aċċettazzjoni, b'konnessjoni ma kuntratti tal-bejgħ	573(b)	D19
Oġġettu użati għat-twettieq ta' testijiet	573(c)	D20
Kampjuni	574	D21
Mezzi ta' tibdil fil-produzzjoni	575	D22
Oġġetti li għandhom ikunu esibiti jew użati f'avveniment pubbliku	576(1)	D23
Oġġetti għall-approvazzjoni (xharejn)	576(2)	D24
Xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kolletturi u antikitajiet	576(3a)	D25
Oġġetti importati bil-għan tal-bejgħ tagħhom permezz ta' l-irkant	576(3b)	D26
Spare parts, aċċessorji u apparat	577	D27
Oġġetti importati f'sitwazzjonijiet partikolari li ma jkollhom l-ebda effett ekonomiku	578(b)	D28
Oġġetti importati okkażżjonalment u għal perjodu li ma jeċċedix tlett xhur	578(a)	D29
	L-artiklu tal-kodiċi	kodiċi
Importazzjoni temporanjab'riljev parjzjali mid-dazji	142	D51

Prodotti agrikoli

Proċedura	Kodiċi
Importazzjoni	
L-użu ta' l-unitajiet ta' valur għad-determinazzjoni tal-valur doganali għal ċerti oġġetti li jittħassru (l-Artikoli 173 — 177)	E01
Valuri ta' l-importazzjoni regolari (per eżempju: Ir-Regolament (KE) Nru 3223/94)	E02
Esportazzjoni	
Prodotti agrikoli li dwarhom rifużjoni tkun mitluba, suġġetti għal ċertifikat ta' l-esportazzjoni (l-Anness I – oġġetti).	E51
Prodotti agrikoli li dwarhom rifużjoni tkun mitluba, mhux suġġetti għal ċertifikat ta' l-esportazzjoni (l-Anness I – oġġetti).	E52
Prodotti agrikoli li dwarhom rifużjoni tkun mitluba, esportati fi kwantitajiet żgħar, ma jeħtieġux ċertifikat ta' l-esportazzjoni (l-Anness I – oġġetti).	E53
Prodotti agrikoli li dwarhom rifużjoni tkun mitluba, suġġetti għal ċertifikat tar-rifużjoni (oġġetti mhux ta' l-Anness I).	E61
Prodotti agrikoli li dwarhom rifużjoni tkun mitluba, ma jeħtieġux ċertifikat tar-rifużjoni (oġġetti mhux ta' l-Anness I).	E62
Prodotti agrikoli li dwarhom rifużjoni tkun mitluba, esportati fi kwantitajiet żgħar mingħajr ċertifikat tar-rifużjoni (oġġetti mhux ta' l-Anness I).	E63
Prodotti agrikoli li dwarhom rifużjoni tkun mitluba, esportati fi kwantitajiet żgħar injorati dwar il-kalkolazzjoni tar-rati minimi tal-verifika.	E71

▼B

Oħrajn

Proċedura	Kodiċi
Importazzjoni	
Riljev mid-dazji ta' l-importazzjoni għal oġġetti mibgħuta lura (l-Artikolu 185 tal-Kodiċi)	F01
Riljev mid-dazji ta' l-importazzjoni għal oġġetti mibgħuta lura (Ċirkostanzi speċjali li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 844, 1: prodotti agrikoli)	F02
Riljev mid-dazji ta' l-importazzjoni għal oġġetti mibgħuta lura (Ċirkostanzi speċjali li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 846, 2: tiswija jew restawr)	F03
Prodotti kompensanti li jmorru lura lejn il-Komunità wara li preċedentament kienu estortati jew esportati mill-ġdid (l-Artikolu 187 tal-Kodiċi)	F04
Proċessar taħt kontroll doganali meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi huma meqjusa bħala li għandhom ikunu mwettqa (l-Artikolu 552, 1, l-ewwel sub-paragrafu)	F11
Eżenzjoni mid-dazi ta' l-importazzjoni fuq il-prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħrajn miksuba mill-ibħra territorjali ta' pajjiż terz minn dgħajjes irreġistrati jew inklużi fir-reġistri ta' Stat Membri u li jtajru l-bandiera ta' dak l-istat	F21
Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni ta' prodotti akkwistati minn prodotti tas-sajd fil-baħar u ta' prodotti oħrajn meħuda mill-baħar territorja ta' pajjiż terz abbord vapuri-fabbrika irreġistrati jew inklużi fir-reġistri ta' Stat Membru u li jtajru l-bandiera ta' dak l-istat	F22
Oġġetti li, wara li kienu taħt il-proċedura ta' proċessar 'il barra, huma mqiegħda taħt proċedura ta' magażinaġġ mingħajr sospenzjoni tad-dazji tas-sisa	F31
Oġġetti li, wara li kienu taħt il-proċedura ta' proċessar 'il ġewwa, huma mqiegħda taħt proċedura ta' magażinaġġ mingħajr sospenzjoni tad-dazji tas-sisa	F32
Oġġetti li, wara li kienu taħt il-proċedura ta' żona ħielsa suġġetti għall-kontrolli tat-tip-II, huma mqiegħda taħt proċedura ta' magażinaġġ mingħajr sospenzjoni tad-dazji tas-sisa	F33
Oġġetti li, wara li kienu taħt il-proċedura ta' proċessar taħt il-kontroll doganali, huma mqiegħda taħt proċedura ta' magażinaġġ mingħajr sospenzjoni tad-dazji tas-sisa	F34
Rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' oġġetti għall-okkażżjonijiet jew għal bejgħ u mqiegħda taħt importazzjoni temporanja, bl-applikazzjoni ta' l-elementi tal-kalkolu fis-seħħ fil-waqt ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa	F41
Rilaxx għal ċirkolazzjoni ħilesa ta' prodotti kompensanti meta d-dazji doganali tagħhom għandhom ikunu applikati (l-Artikolu 122(a) tal-Kodiċi)	F42
Rilaxx għal ċirkolazzjoni ħilesa ta' oġġetti mqiegħda taħt proċedura IP, jew rilaxx għal ċirkolazzjoni ħilesa ta' prodotti kompensanti mingħajr l-imgħaxijiet kompensatorji (l-Artikolu 519, il-paragrafu 4)	F43
Esportazzjoni	
Esportazzjoni għal użu militari	F51
Provvediment	F61
Provvediment ta' oġġetti eliġibbli għal rifużjoni	F62
Dħul f'maħżen tal-provvediment (l-Artikoli 40-43 tar-Regolament (KEE) Nru 80/9)	F63
Ħruġ minn maħżen tal-provvediment ta' oġġetti intiżi għall-provvediment	F64

2. Il-kodiċi esklussivament għall-użu nazzjonali għandhom ikunu iffurmati minn karattru numeriku segwit b'żewġ karattri alfa-numeriċi bi qbil man-nomenklatura ta' l-istat Membru inniffsu.

▼B

Kaxxa 40: Dikjarazzjoni sommarja/Dokument preċedenti

Din il-kaxxa hija għal kodiċi alfa-numeriċi (an..26)

Kull kodiċi għandha tliet komponenti, li huma separati b'rigi (-) L-ewwel komponent (a1) jikkonsisti minn tliet ittri differenti u huwa wżat sabiex jiddistingwixxi bejn il-tlett kategoriji msemmija hawn taħt. It-tieni komponent (an..3), li jikkonsisti minn grupp ta' ċifri u/jew ittri, iservi sabiex jidentifika t-tip ta' dokument. It-tielet komponent (an..20) jirrapreżanta d-dettalji meħtieġa sabiex ikun rikonoxxut id-dokument, jew bin-numru ta' l-identifikazzjoni tiegħu jew b'xi referenza rikonoxxibbli oħra.

1. *L-ewwel komponent (a1):*

   id-dikjarazzjoni sommarja, rapreżentata bi "X",

   id-dikjarazzjoni inizjali, rapreżentata bi "Y",

   id-dokument preċedenti, rapreżentat bi "Z",

2. *It-tieni komponent (an..3):*

   Agħżel l-abbrevvjazzjoni għad-dokument mil-"lista ta' l-abrevjazzjonijiet għad-dokumenti".

   Din il-lista tinkludi l-kodiċi "CLE", li tfisser "id-data u r-referenza għad-dħul ta' l-oġġetti fir-reġistri". (l-Artikolu 76(1)(c) tal-Kodiċi). Id-data hija kodifikata kif ġej: ssssxxjj.

3. *It-tielet komponent (an..20):*

   In-numru ta' l-identifikazzjoni, jew referenza rikonoxxibbli oħra tad-dokument, hija miktuba hawnhekk.

   Eżempji:

   — Id-dokument preċedenti huwa dokument tat-transitu T1 li dwaru l-uffiċċju tad-destinazzjoni jkun assenja n-numru "238544". Il-kodiċi għalhekk għandha tkun "Z-821-238544". ("Z" għal dokument preċedentu, "821" għall-proċedura tat-transitu u "238544" għan-numru tar-reġistrazzjoni tad-dokument (jew il-MRN għall-operazzjonijiet NCTS))

   — Manifest tat-tagħbija li jkollu n-numru "2222" huwa wżat għal dikjarazzjoni sommarja. Il-kodiċi għalhekk għandha tkun "Z-785-2222". ("X" għal dikjarazzjoni sommarja, "785" għall-minifest tat-tagħbija u "2222" għan-numru ta' l-identifikazzjoni tal-manifest).

   — Oġġetti inklużi fir-reġistri fl-14 ta' Frar 2002. Din il-kodiċi għalhekk għandha tkun "Y-CLE-20020214-5" ("Y" sabiex turi li kien hemm rikjarazzjoni inizjali, "CLE" għal "dħul fir-reġistri", "20020214" għad-data tad-dħul, "2002" tkun is-sena, "02" ix-xahar, "14" il-jum u "5" għar-referenza tad-dħul fir-reġistri).

Lista ta' abrevjazzjonijiet għad-dokumenti

Lista tal-kontenitur	235
Lista tat-tagħbija (nota tal-konsenja)	270
Lista ta' l-ippakkjar	271
Fattura proforma	325
Fattura kummerċjali	380
Waybill interna	703
Bill of lading ewlieni	704
Bill of lading	705
CIM – nota tal-konsenja (ferrovija)	720
Lista tat-triq SMGS	722
Nota tal-konsenja bit-triq	730
Air waybill	740
Air waybill ewlieni	741
Nota tad-dispaċċ (pakketti bil-posta)	750

▼B

Dokument tat-trasport multimodjali/ miġmugħ	760
Manifest tat-tagħbija	785
Bordereau	787
Dikjarazzjoni tat-transitu tal-Komunità— Konsennjoni mħallta (T)	820
Dikjarazzjoni tat-transitu estern tal-Komunità (T1)	821
Dikjarazzjoni tat-transitu intern tal-Komunità (T2)	822
Kopja tal-kontroll T5	823
Carnet TIR	952
Carnet ATA	955
Referenza/data tad-dħul ta' l-oġġetti fir-reġistri	CLE
Folja ta' l-informazzjoni INF3	IF3
Folja ta' l-informazzjoni INF8	IF8
Manifest tat-tagħbija— proċedura simplifikata	MNS
Dikjarazzjoni tat-transitu intern tal-Komunità— L-Artikolu 340 c, 1)	T2F
T2M	T2M
Oħrajn	ZZZ

Jekk id-dokument ta hawn fuq ikun imħejji bl-użu tal-SAD, l-abrevjazzjoni għandha tkun iffurmata mill-kodiċi speċifikata għall-ewwel sid-diviżjoni tal-kaxxa 1. (IM, EX, CO u EU)

Kaxxa 43: Metodu tal-valutazzjoni

Id-disposizzjonijiet użat għad-determinazzjoni tal-valur doganli ta' l-oġġett importati għandhom ikunu kodifikati kif ġej:

Kodiċi	l-Artikolu relevanti tal-Kodiċi	Metodu
1	29(1)	Il-valur tat-transazzjoni ta' l-oġġetti importati.
2	30(2)(a)	Il-valur tat-transazzjoni ta' l-oġġetti identiċi.
3	30(2)(b)	Il-valur tat-transazzjoni ta' l-oġġetti simili.
4	30(2)(c)	Metodu tat-deduzzjoni tal-valur
5	30(2)(d)	Metodu tal-valur komputazzat
6	31	Il-valur ibażat fuq l-informazzjoni disponibbli (il-metodu "*fall-back*")

Kaxxa 44: Informazzjoni addizzjonali/Dokumenti prodotti/Ċertifikati u awtorizzazzjonijiet

1. *Informazzjoni addizzjonali*

Kodiċi ta' ħames ċifri hija wżata għall-kodifika ta' l-informazzjoni addizzjonali ta' natura doganali. Din il-kodiċi issegwi l-informazzjoni addizzjonali sakemm il-liġi tal-Komunità ma tipprovddix għal kodiċi li għandha tkun inkluża fit-test.

▼B

Eżempju: Fi proċedura simplifikata ta' l-esportazzjoni, il-kopja 3 għandha tkun fiha l-informazzjoni "proċedura simplifikata ta' l-esportazzjoni". (l-Artikolu 280(3). "Esportazzjoni simplifikata - 30100" għandha għalhekk tkun miktuba fil-kaxxa 44.

Il-liġi tal-Komunità tipprovdi li għal ċerta informazzjoni addizzjonali li tkun miktuba fil-kaxxi oħrajn apparti milli l-kaxxa 44. B'dana kollu, tali informazzjoni addizzjonali għandha tkun kodifikata bi qbil ma l-istes regoli bħal ta' l-informazzjoni li għandha speċifikament miktuba fil-kaxxa 44. Aktar minn hekk, meta l-liġi tal-Komunità tonqos milli tispeċifika l-kaxxa li fiha l-informazzjoni għandha tkun miktuba, dik l-informazzjoni għandha tkun miktuba fil-kaxxa 44.

It-tipi kollha ta' l-informazzjoni addizzjonali huma elenkati fit-tmiem ta' dan l-Anness.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-użu ta' l-informazzjoni addizzjonali nazzjonali basta li l-kodifika tagħhom tippreżenta struttura differenti mill-kodiċi ta' l-informazzjoni addizzjonali tal-Komunità.

2. *Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet*

(a) Id-dokumenti, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet tal-Komunità u internazzjonali prodotti bħala appoġġ tad-dikjarazzjoni għandhom ikunu miktuba fil-formola b'kodiċi magħmula minn 4 karattri alfa-numeriċi, segwiti jew b'numru ta' l-identifikazzjoni jew b'xi referenza oħra rikonoxxibbli. Il-lista tad-dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet u l-kodiċi rispettivi tagħhom hija disponibbli fid-*database* Taric.

(b) Id-dokumenti, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali prodotti bħala appoġġ tad-dikjarazzjoni għandhom ikunu miktuba fil-formola b'kodiċi magħmula minn karattru numeriku, segwit bi tliet karattri alfa-numeriċi (Ex: 2123, 34d5), possibbilment segwiti jew b'numru ta' l-identifikazzjoni jew b'referenza rikonoxxibbli oħra. L-erba karattri jirrapreżentaw il-kodiċi bbażata fuq in-nomeniklatura ta' l-istat Membru innfsu.

Kaxxa 47: Il-kalkolu tat-taxxi

L-ewwel kolonna: Tip tat-taxxa

(a) Il-kodiċi applikabbli huma mogħtija hawn taħt:

Dazji doganali fuq prodotti industriali	A00
Dazji doganali fuq prodotti agrikoli	A10
Dazji addizzjonali	A20
Dazji definittivi ta' kontra d-dumping	A30
Dazji proviżjonali ta' kontra d-dumping	A35
Dazji definittivi b'effett oppost	A40
Dazji proviżjonali b'effett oppost	A45
VAT	B00
Imgħax kompensatorju (VAT)	B10
Imgħax fuq l-arrettrati (VAT)	B20
Taxxi ta' l-esportazzjoni	C00
Taxxi ta' l-esportazzjoni fuq prodotti agrikoli	C10
Imgħax fuq l-arrettrati	D00
Imgħax kompensatorju (i.e. proċessar 'il ġewwa)	D10
Dazji miġbura f'isem pajjiżi oħrajn	E00

(b) Il-kodiċi esklussivament għall-użu nazzjonali għandhom ikunu iffurmati minn karattru numeriku segwit b'żewġ karattri alfa-numeriċi bi qbil man-nomeniklatura ta' l-istat Membru inniffsu.

L-aħħar kolonna: Metodu tal-pagament

Dawn il-kodiċi li ġejjin jistgħu jkunu użati mill-Istati Membri:

▼B

A Pagament bi flus kontanti

B Pagament b'karta tal-kreditu

C Pagament b'ċekk

D Oħrajn (e.g. debitu dirett lejn il-kont kontanti ta' l-aġent)

E Pagament diferit jew posponut

F Pagament diferit - sistema doganali

G Pagament posponut - sistema tal-VAT (l-Artikolu 23, is-Sitt Direttiva tal-VAT)

H Trasferiment ta' kreditu b'mod elettroniku

J Pagament permezz ta' l-amministrazzjoni ta' l-uffiċċju postali (konsennji postali) jew xi settur pubbliku ieħor jew dipartiment governattiv

K Kreditu jew tnaqis tas-sisa

M Garanzij, inkluż depożitu bi flus kontanti

P Mill-kont ta' flus kontanti ta' l-aġent

R Garanzija

S Il-kont individwali tal-garanzija

T Mill-kont tal-garanzija ta' l-aġent

U Mill-garanzija ta' l-aġent - awtorità permanenti

V Mill-garanzija ta' l-aġent - awtorità individwali

O Garanzija ippreżentata ma l-Aġenzija ta' l-Intervent.

Kaxxa 49: L-identifikazzjoni tal-maħżen

Il-kodiċi li għandha tkun miktuba jrid ikollha din l-istruttura bi tlett-partijiet kif ġejja:

— l-ittra li tidentifika t-tip ma maħżen b'konformità mad-deskrizjoni li tinsab fl-Arikolu 525 (a1). Għal imħażen apparti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 525, dawn il-kodiċi li ġejjin għandhom ikunu użati:

  Y għal maħżen mhux-doganali

  Z għal żona ħielsa jew maħżen ħieles

— in-numru ta' identifikazzjoni allokat mill-Istat Membru meta joħroġ l-awtorizzazzjoni (an..14)

— il-kodiċi tal-pajjiż għall-Istat Membru ta' l-awtorizzazzjoni, kif definit fil-kaxxa 2 (a2).

Kaxxa 51: Intiża għall-uffiċċji tat-transitu (u tal-pajjiż)

Uża l-kodiċi miktub fil-kaxxa 29.

Kaxxa 52: Garanzija

Kodiċi tal-garanzija

Il-kodiċi applikabbli (n1) huma mogħtija hawn taħt:

Sitwazzjoni	Kodiċi	Kitbiet oħrajn
Għal twarrib tal-garanzija (l-Artikoli 94(4) tal-Kodiċi u 380(3))	0	— numru taċ-ċertifikat tat-twarrib tal-garanżija
Għal garanzija komprensiva	1	— numru ta' l-uffiċċju tal-garanzija dwar ċertifikat ta' — garanzija komprensiva
Għal garanzija individwali minn għand dak li joħroġ il-garanzija	2	— referenza għall-uffiċċju tal-garanziji li huwa responsabbli — mill-garanzija

▼B

Sitwazzjoni	Kodiċi	Kitbiet oħrajn
Għal garanzija individwali bi flus kontanti	3	
Għal garanzija individwali fil-għamla ta' kambjali	4	— in-numru tal-kambjali tal-garanzija individwali
Għal twarrib tal-garanzija (l-Artikolu 95 tal-Kodiċi)	6	
Għal twarrib tal-garanzija għal ċerti korpi pubbliċi	8	
Għal garanzija individwali tat-tip skond il-punt 3 ta' l-Anness 47a	9	— referenza għall-uffiċċju tal-garanziji li huwa responsabbli — mill-garanzija

Il-pajjiżi miktuba taħt l-intestatura “mhux valida għal”:

Uża l-kodiċi tal-pajjiż miktub fil-kaxxa 2.

Kaxxa 53: L-uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)

Uża l-kodiċi miktub fil-kaxxa 29.

Informazzjoni addizzjonali - il-kodiċi XXXXX

Kategorija ġenerali - Kodiċi 0xxxx

Bażi legali	Suġġett	Informazzjoni addizzjonali	Kaxxa	Kodiċi
L-Artikolu 497 § 3	Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni fuq id-dikjarazzjoni doganali bi proċedura ta' impatt ekonomiku	“Awtorizzazzjoni simplifikata”	44	00100
L-Anness 37	Diversi esportaturi, konsenjanti jew dokumenti preċedenti	“Oħrajn”	2, 8 u 40	00200
L-Anness 37	L-identità bejn id-dikjarant u l-konsenjant	“Konsenjant”	14	00300
L-Anness 37	L-identità bejn id-dikjarant u l-esportatur	“Esportatur”	14	00400
L-Anness 37	L-identità bejn id-dikjarant u l-konsinnatarju	“Konsinnatarju”	14	00500

Impurtati: Kodiċi 1xxxx

Artikolu	Suġġett	Informazzjoni addizzjonali	Kaxxa	Kodiċi
2 – paragrafu 1 tar-Regolament Nru 1147/2002	Sospenzjoni temporanja tad-dazji awtonomi	“Importazzjoni biċ-ċertifikat tal-validità tat-tirjir bl-ajru”	44	10100
549 – Paragrafu 1	Rilaxx tal-proċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospenzjoni)	Oġġetti IP/S	44	10200
549 – Paragrafu 2	Rilaxx tal-proċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospenzjoni) (miżuri speċifiċi ta' l-istrateġija kummerċjali)	Oġġetti IP/S, strateġija kummerċjali	44	10300
550	Rilaxx tal-proċessar 'il ġewwa (*dwarback*)	Oġġetti IP/D	44	10400
583	Aċċettazzjoni temporanja	“oġġetti TA”	44	10500

▼B

Impurtati: Kodiċi 3xxxx

Artikolu	Suġġett	Informazzjoni addizzjonali	Kaxxa	Kodiċi
280(3)	Dikjarazzjoni mhux kompluta ta' l-esportazzjoni	"Esportazzjoni simplifikata"	44	30100
286(4)	Proċedura ta' rilaxx lokali	"Esportazzjoni simplifikata" bin-numru ta' l-awtorizzazzjoni u ta' l-isem ta' l-uffiċċju doganali tal-ħruġ	44 ta kopja 3	30200
298	L-esportazzjoni ta' oġġetti agrikoli suġġetti għall-użu finali	L-Artikolu 298 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 Użu finali: awtorizzazzjoni — rifużjoni agrikola mhux applikabbli	44	30300
793(3)	Ix-xewqa li l-kopja 3 tkun mibgħuta lura	"RET-EXP"	44	30400

▼B

ANNESS V

Fl-Anness 74, il-Punt 7 huwa mibdul b'dan li ġej:

"7. Ħalib u prodotti tal-ħalib

Resqien għall-użu ta' l-ekwivalenza huwa permissibbli permezz ta' dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

Il-piż ta' kull komponent tal-materja xotta tal-ħalib, il-materja xaħmija tal-ħalib u l-proteini tal-ħalib ta' l-oġġettui importati m'għandhux jeċċedi l-piż ta' kull wieħed minn dawn il-komponenti fil-oġġetti ekwivalenti. B'dana kollu, meta l-valur ekonomiku ta' l-oġġetti importati huwa iddeterminat b'wieħed biss jew minn tnejn mill-komponenti msemmija hawn fuq, il-piż jista' jkun ikkalkolat fuq il-bażi ta' dan jew ta' dawk il-komponent(i). L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika d-dettalji, notevolment il-perjodu ta' referenza li dwaru l-piż totali għandu jkun ikkalkolat. Il-perjodu ta' referenza m'għandux jeċċedi 4 xhur.

Il-piż tal-komponent(i) relevanti ta' l-oġġetti importati u ta' l-oġġetti ekwivalenti għandu jkun miktub fis-sikjarazzjoni doganali u fuq xi folja ta' l-informazzjoni INF9 jew INF5, sabiex jiffaċilita ħalli l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jikkontrollaw l-ekwivalenza fuq il-bażi ta' dawn l-elementi.

Verifi fiżiċi għandhom ikunu mwettqa fuq mill-anqas 5 % tad-dikjarazzjonijiet għad-dħul ta' l-oġġetti importati għall-aranġamenti u d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni (IM/EX) u l-koperta ta' l-oġġetti importati kif ukoll bħal l-oġġetti ekwivalenti ikkonċernati.

Verifi fiżiċi għandhom ikunu mwettqa fuq mill-anqas 5 %tad-dikjarazzjonijiet ta' qabel l-esportazzjoni u fuq id-dokjarazzjonijiet għad-dħul għall-arranġamenti (EX/IM). Dawn il-verifiki għandhom ikopru l-oġġetti ekwivalenti li għandhom ikunu ivverifikati qabel l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar kif ukoll ta' l-oġġetti importati ikkonċernati fil-waqt li dawn ikunu mdaħħla għall-arranġamenti.

Verifiki fiżiċi jimplikaw il-verifika tad-dikjarazzjoni u tad-dokumenti mhemuża magħha, u kampjuni rapreżentattivi għandhom jittieħdi għall-analiżi ta' l-ingredjenti minn laboratorju kompteneti.

Jekk l-Istat Membru japplika sistema ta' l-analiżi tar-riskju, persentaġġ aktarbaxx ta' verifiki fiżiċi jista' jkun permissibbli.

Kull verifika fiżika għandha tkun is-suġġett ta' rapport dettaljat mill-uffiċjal li jkun wettaq din il-verifika. Dawn ir-rapporti għandhom ikunu ċentralizzati mill-awtoritajiet doganali innominati f'kull Stat Membru."

▼B

ANNESS VI

ANNESS 75

Lista ta' prodotti kompensanti suġġetti għad-dazji doganali kif applikabbli dwarhom

(L-Artikolu 548 (1))

eskrizzjoni tal-prodotti sekondarji kompensanti	Operazzjonijiet ta' l-ipproċċessar li jirriżultaw minnhom
(1)	(2)
Skart, ħela, residwi, trufijiet u fdalijiet	Kwalunkwe xogħol jew proċessar